32004O0001

20.3.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 83/29

# LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-13 ta' Frar 2004

## li temenda l-Linja Gwida BĊE/2003/2 dwar ċerti ħtiġijiet għal rapporti ta' statistiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri dwar ir-rapporti li jsiru mill-banek ċentrali nazzjonali ta' informazzjoni ta' l-istatistika fil-qasam tal-flus u statistiċi bankarji (BCE/2004/1)

***(2004/268/EC)***

(2004/268/WE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari Artikolu 5(1), Artikolu 12(1) u Artikolu 14(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-balance sheet konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji ([1]) jitlob l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (MFIs) biex jipprovdu *data* ta' l-istatistika kull tliet xhur analizzata skond il-pajjiż u l-munita. Kienet ġiet adottata emenda għal dan ir-Regolament fit-18 ta' Settembru 2003 biex tkun inkluża kondizzjoni biex l-MFIs jipprovdu *data* fir-rigward tal-pajjiżi li kellhom jissieħbu fl-Unjoni Ewropea (UE) fl-1 ta' Mejju 2004.

(2) L-emenda taħseb għal approċ flessibbli li jekk din id-*data* tkun insinifikanti ma għandhiex għalfejn tiġi rrapportata. Jekk figuri miġbura f'livell ogħla ta' aggregazzjoni juru li x'aktarx huma insinifikanti, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jiddeċiedu li ma jeħtiġux li jkunu rraportati. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-MFIs għandhom ikunu infurmati regolarment jekk id-*data* hija sinifikanti jew le.

(3) Fejn il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiddeċiedu li m'hemmx il-ħtieġa li jsir rapport, għandhom jagħmlu stima tad-*data*,bl-għan li jżommu l-kwalità ta' l-istatistiċi tal-balance sheets tas-settur tal-MFI fiż-żona ta' l-ewro. Il-Linja Gwida BĊE/2003/2 tas-6 ta' Frar 2003 dwar ċerti ħtiġijiet għal rapporti ta' statistiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri dwar ir-rapporti li jsiru mill-banek ċentrali nazzjonali ta' informazzjoni ta' l-istatistika fil-qasam tal-flus u statistiċi bankarji ([2]) għandha għalhekk tiġi emendata biex tinkludi din il-kondizzjoni u biex tistipula l-metodi permissibbli ta' l-istima.

(4) Hija meħtieġa emenda għall-Linja Gwida BĊE/2003/2 minħabba l-adozzjoni tar-Regolament BĊE/2003/9 tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi ([3]), li kiteb mill-ġdid ir-Regolament BĊE/1998/15 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi ([4]).

(5) Huma meħtieġa wkoll aktar emendi tekniċi wara r-reviżjoni tal-Linja Gwida BĊE/2003/2.

(6) Skond Artikolu 12(1) u Artikolu 14(3) ta' l-Istatut, il-Linji Gwida tal-BĊE jiffurmaw parti integrali mill-Liġi Komunitarja,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

Il-Linja Gwida BĊE/2003/2 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2(4) jinbidel b'dan li ġej:

"Bl-iskop li jkunu kkompilati t-totali monetarji meħudin flimkien, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jagħtu informazzjoni ta' l-istatistika fuq il-passiv fid-depożiti tal-gvern ċentrali u flus u titoli skond l-Anness VII, bħala suppliment u bl-istess frekwenza u ħeffa ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika li trid tkun provvduta skond ir-Regolament BĊE/2001/13."

2. Il-paragrafu 5a li ġej għandu jidħol fl-Artikolu 2:

"5a. B'referenza għat-tabelli 3 u 4 tal-parti 2 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13, fejn m'hijiex irrappurtata *data* fir-rigward ta' ċelluli mmarkati bil-marka '#', għandha tiġi stmata skond l-i*standards* stipulati fl-Anness VIII."

([1]) ĠU L 333, tas-17.12.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2003/10 (ĠU L 250, tat-2.10.2003, p. 17).
([2]) ĠU L 241, tas-26.9.2003, p. 1.
([3]) ĠU L 250, tat-2.10.2003, p. 10.
([4]) ĠU L 356, tat-30.12.1998, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2002/3 (ĠU L 106, tat-23.4.2002, p. 9).

3. L-Artikolu 3(2) jinbidel b'dan li ġej:

"Bl-iskop li jikkontrolla l-eżattezza tat-tnaqqis kurrenti standardizzat tar-riżervi bażiċi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu japplikaw għall-ammont pendenti ta' titoli ta' debitu maħruġa bi skadenza maqbula ta' sentejn skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament BĊE/2003/9 tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riservi minimi ([8]), il-BĊE jagħmel kalkoli kull xahar, filwaqt li jagħmel użu mill-informazzjoni ta' l-istatistika li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jippreżentaw lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) skond ir-Regolament BĊE/2001/13. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiġbru t-totali monetarji meħtieġa meħudin flimkien skond l-Anness XVI u jirrappurtaw dawn it-totali monetarji meħudin flimkien lill-Bank Ċentrali Ewropew.

---

ĠU L 250, tat-2.10.2003, p. 10."

4. L-Artikolu 7(2) u (3) jitħassru.

5. L-Anness III jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

6. L-Annessi VII, XIII, XV, XVIII u XX jiġu emendati skond l-Anness II ta' din il-Linja Gwida.

7. L-Anness VIII jinbidel bit-test stipulat fl-Anness III ta' din il-Linja Gwida.

8. L-Anness IX jinbidel bit-test stipulat fl-Anness IV ta' din il-Linja Gwida.

9. L-Anness XVII (ħlief għall-appendiċi tiegħu) jinbidel bit-test stipulat fl-Anness V ta' din il-Linja Gwida.

10. L-Anness XXI jitħassar.

*Artikolu 2*

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li adottaw il-munita unika skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2004.

L-Artikolu 1(2) u (7) għandhom jgħoddu mill-1 ta' Mejju 2004.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-13 ta'Frar 2004.

*Għall-Kunsill Regolatorju tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*L-ANNESS I*

*"L-ANNESS III*

**KALENDARJU DELIVERY GĦALL-ISTATISTIĊI TAR-RATI TA' L-IMGĦAX TAL-MFI**

**Li jkopri l-perjodu ta' referenza Jannar 2004 sa Diċembru 2004**

Rapporti dwar l-istatistiċi tar-rati ta' l-imgħax tal-MFI

| Perjodu ta' referenza Data ta' kull xahar ([1]) | Data tat-trasmissjoni ([2]) | |
|---|---|---|
| | Ġurnata | Data |
| Data Jannar 2004 | Il-Ħamis | fis-26 ta' Frar 2004. |
| Data Frar 2004 | Il-Ġimgħa | fis-26 ta' Marzu 2004. |
| Data Marzu 2004 | Il-Ħamis | fid-29 ta' April 2004. |
| Data April 2004 | Il-Ġimgħa | fit-28 ta' Mejju 2004. |
| Data Mejju 2004 | It-Tnejn | fit-28 ta' Ġunju 2004. |
| Data Ġunju 2004 | L-Erbgħa | fit-28 ta' Lulju 2004. |
| Data Lulju 2004 | Il-Ħamis | fis-26 ta' Awissu 2004. |
| Data Awissu 2004 | It-Tnejn | fis-27 ta' Settembru 2004. |
| Data Settembru 2004 | Il-Ħamis | Fit-28 ta' Ottubru 2004 |
| Data Ottubru 2004 | Il-Ġimgħa | fis-26 ta' Novembru 2004. |
| Data Novembru 2004 | Il-Ħamis | fit-30 ta' Diċembru 2004. |
| Data Diċembru 2004 | Il-Ġimgħa | fit-28 ta' Jannar 2005. |

*Noti:*

([1]) Il-perjodu ta' referenza jindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa xahar kalendarju għad-*data* prodotta fuq frekwenza ta' kull xahar.

([2]) Id-data tat-trasmissjoni tindika l-ġurnata tal-ġimgħa u d-data li fiha tkun dovuta t-trasmissjoni tad-data mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB), u li jorbot għaż-żona ta' l-ewro kollha.

**KALENDARJU DELIVERY GĦALL-ISTATISTIĊI DWAR IL-PUNTI TAL-BALANCE SHEET**

**Li jkopri l-perjiodu ta' referenza Jannar 2004 sa Diċembru 2004**

Rapporti ta' kull xahar u kull tliet xhur ta' l-istatistiċi dwar il-punti tal-balance sheet

| Rapporti ta' kull xahar | | | Rapporti ta' kull tliet xhur | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Data tar-referenza ([1]) | Data tat-trasmissjoni ([2]) | | Data tar-referenza ([1]) | Data tat-trasmissjoni ([2]) | |
| | Ġurnata | Data | | Ġurnata | Data |
| Jannar-2004 | Il-Ġimgħa | fl-20 ta' Frar 2004. | - | - | - |
| Frar-2004 | It-Tnejn | fit-22 ta' Marzu 2004. | - | - | - |
| Marzu 2004 | Il-Ġimgħa | fit-23 ta' April 2004. | Marzu 2004 | Il-Ħamis | fit-13 ta' Mejju 2004. |
| April 2004 | It-Tnejn | fl-24 ta' Mejju 2004. | - | - | - |
| Mejju 2004 | It-Tlieta | fit-22 ta' Ġunju 2004. | - | - | - |
| Ġunju 2004 | Il-Ħamis | fit-22 ta' Lulju 2004. | Ġunju 2004 | It-Tlieta | fl-10 ta' Awissu 2004. |
| Lulju 2004 | Il-Ġimgħa | fl-20 ta' Awissu 2004. | - | - | - |

| Rapporti ta' kull xahar | | | Rapporti ta' kull tliet xhur | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Data tar-referenza (1) | Data tat-trasmissjoni (2) | | Data tar-referenza (1) | Data tat-trasmissjoni (2) | |
| | Ġurnata | Data | | Ġurnata | Data |
| Awissu 2004 | It-Tlieta | fil-21 ta' Settembru 2004. | - | - | - |
| Settembru 2004 | Il-Ġimgħa | fit-22 ta' Ottubru 2004. | Settembru 2004 | Il-Ħamis | fil-11 ta' Novembru 2004. |
| Ottubru 2004 | It-Tnejn | fit-22 ta' Novembru 2004. | - | - | - |
| Novembru 2004 | Il-Ħamis | fit-23 ta' Diċembru 2004. | - | - | - |
| Diċembru 2004 | It-Tnejn | fl-24 ta' Jannar 2005. | Diċembru 2004 | Il-Ħamis | fl-10 ta' Frar 2005. |

*Noti:*

'–' Tindika li mhux applikabbli.

(1) Id-data ta' referenza tindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa xahar kalendarju għad-data prodotta fuq frekwenza ta' xahar u kwart ta' sena kalendarja għad-data prodotta fuq frekwenza ta' kull tliet xhur.

(2) Id-data ta' referenza tindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa xahar kalendarju għad-data prodotta fuq frekwenza ta' xahar u kwart ta' sena kalendarja għad-data prodotta fuq frekwenza ta' kull tliet xhur.

## KALENDARJU DELIVERY GĦALL-ISTATISTIĊI DWAR IL-BAŻI TAR-RISERVI

### Li jkopri l-perjodu ta' referenza Jannar 2004 sa Ottubru 2004

Rapporti ta' l-istatistiċi dwar il-bażi tar-riservi

| Data tar-referenza (1) | Data tat-trasmissjoni (2) | |
|---|---|---|
| | Ġurnata | Data |
| Jannar 2004 | It-Tlieta | fid-9 ta' Marzu 2004. |
| Frar 2004 | It-Tlieta | fis-6 ta' April 2004. |
| Marzu 2004 | It-Tlieta | fil-11 ta' Mejju 2004. |
| April 2004 | It-Tlieta | fit-8 ta' Ġunju 2004. |
| Mejju 2004 | It-Tlieta | fis-6 ta' Lulju 2004. |
| Ġunju 2004 | It-Tlieta | fl-10 ta' Awissu 2004. |
| Lulju 2004 | It-Tlieta | fis-7 ta' Settembru 2004. |
| Awissu 2004 | It-Tnejn | fil-11 ta' Ottubru 2004. |
| Settembru 2004 | It-Tnejn | fit-8 ta' Novembru 2004. |
| Ottubru 2004 | It-Tlieta | fis-7 ta' Diċembru 2004. |
| Novembru 2004 | | |
| Diċembru 2004 | | |

*Noti:*

(1) Id-data ta' referenza tindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa xahar kalendarju għad-data prodotta fuq frekwenza ta' kull xahar.

(2) Id-data tat-trasmissjoni tindika l-ġurnata tal-ġimgħa u d-data li fiha hija dovuta t-trasmissjoni tad-data mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB), u li torbot għaż-żona kollha ta' l-ewro.

## KALENDARJU DELIVERY GĦALL-ISTATISTIĊI DWAR IL-PROPORZJONIJIET FUQ SKALA MAKRO

### Li jkopri l-perjodu ta' referenza Jannar 2004 sa Diċembru 2004

Rapporti ta' l-istatistiċi dwar il-proporzjonijiet fuq skala makro

| Data tar-referenza (1) | Data tat-trasmissjoni (2) | |
|---|---|---|
| | Ġurnata | Data |
| Jannar 2004 | Il-Ġimgħa | fis-27 ta' Frar 2004. |
| Frar 2004 | L-Erbgħa | fil-31 ta' Marzu 2004. |
| Marzu 2004 | Il-Ġimgħa | fit-30 ta' April 2004. |
| April 2004 | It-Tnejn | fil-31 ta' Mejju 2004. |
| Mejju 2004 | L-Erbgħa | fit-30 ta' Ġunju 2004. |
| Ġunju 2004 | Il-Ġimgħa | fit-30 ta' Lulju 2004. |
| Lulju 2004 | It-Tlieta | fil-31 ta' Awissu 2004. |
| Awissu 2004 | Il-Ħamis | fit-30 ta' Settembru 2004. |
| Settembru 2004 | Il-Ġimgħa | fid-29 ta' Ottubru 2004. |
| Ottubru 2004 | It-Tlieta | fit-30 ta' Novembru 2004. |
| Novembru 2004 | Il-Ġimgħa | fit-3 ta' Diċembru 2004. |
| Diċembru 2004 | It-Tnejn | fil-31 ta' Jannar 2005. |

*Noti:*

(1) Id-data ta' referenza tindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa xahar kalendarju għad-data prodotta fuq frekwenza ta' kull xahar.

(2) Id-data tat-trasmissjoni tindika l-ġurnata tal-ġimgħa u d-data li fiha hija dovuta t-trasmissjoni tad-data mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB), u li torbot għaż-żona kollha ta' l-ewro.

## KALENDARJU DELIVERY GĦAL STATISTĊI TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI OĦRAJN

### Li jkopri l-perjodu ta' referenza għall-ewwel kwart tas-sena 2004 sar-raba' kwart tas-sena 2004

Rapporti ta' statistiċi dwar intermedjarji finanzjarji oħrajn

| Data tar-referenza (1) | Data tat-trasmissjoni (2) | |
|---|---|---|
| | Ġurnata | Data |
| - | - | - |
| - | - | - |
| Marzu 2004 | It-Tnejn | fit-30 ta' Ġunju 2004. |
| - | - | - |
| - | - | - |
| Ġunju 2004 | It-Tlieta | fit-30 ta' Settembru 2004. |
| - | - | - |
| - | - | - |
| Settembru 2004 | L-Erbgħa | fil-31 ta' Diċembru 2004. |
| - | - | - |
| - | - | - |
| Diċembru 2004 | L-Erbgħa | fil-31 ta' Marzu 2005. |

*Noti:*

'–' Tindika li mhux applikabbli.

(1) Id-data ta' referenza tindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa kwart ta' sena kalendarja għad-data prodotta fuq frekwenza ta' kull tliet xhur.

(2) Id-data tat-trasmissjoni tindika l-ġurnata tal-ġimgħa u d-data li fiha hija dovuta t-trasmissjoni tad-data mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB), u li torbot għaż-żona kollha ta' l-ewro.

**KALENDARJU DELIVERY GĦALL-INDIKATURI STRUTTURALI TA' L-ISTATISTIKA**

**Li jkopri l-perjodu ta' referenza 2003 sa 2004**

Rapporti ta' l-indikaturi strutturali ta' l-istatistika

| Data tar-referenza ([1]) | Data tat-trasmissjoni ([2]) | |
|---|---|---|
| | Ġurnata | Data |
| Diċembru 2003 | L-Erbgħa | fil-31 ta' Marzu 2004. |
| Diċembru 2003 (Indikatur Nru 3) | It-Tnejn | fil-31 ta' Mejju 2004. |
| Diċembru 2004 | Il-Ħamis | fil-31 ta' Marzu 2005. |
| Diċembru 2004 (Indikatur Nru 3) | It-Tlieta | fil-31 ta' Mejju 2005. |

*Noti:*

([1]) Id-data ta' referenza tindika x-xahar u s-sena tal-perjodu ta' osservazzjoni, li huwa sena kalendarja għad-data prodotta fuq frekwenza ta' kull sena.

([2]) Id-data tat-trasmissjoni tindika l-ġurnata tal-ġimgħa u d-data li fiha hija dovuta t-trasmissjoni tad-data mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB), u li torbot għaż-żona kollha ta' l-ewro.'

*L-ANNESS II*

L-Annessi VII, XIII, XV, XVIII u XX tal-Linja Gwida BĊE/2003/2 huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness VII, it-tabella bit-titolu "Statistiċi fuq il-passiv fid-depositi tal-gvern ċentrali. Stima dwar id-disponibilità tad-data" tiġi mibdula b'dan li ġej:

**"Statistiċi fuq il-passiv fid-depositi tal-gvern ċentrali. Stima dwar id-disponibilità tad-data**

| | Il-Belġju | Franza | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Min joħroġ l-istatistika** | L-Uffiċċju tal-Posta | It-Teżor | It-Teżor | It-Teżor | It-Teżor |
| **Is-settur ESA ta' min joħroġ l-istatistika** | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali |
| **Isem ta' l-istrument** | Avoirs à vue (depositi kurrenti) | Depositi kurrenti mat-Teżor | Kontijiet ta' l-iżvilupp industrijali mat-Teżor | Kontijiet bil-ktieb mat-Teżor f'isem iż-żgħażagħ | Depositi fissi mat-Teżor |
| **Deskrizzjoni** | – | Kontijiet kurrenti tal-klijenti fl-attiv f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji | Depositi tat-tfaddil, regolati amministrattivament, mingħajr data ta' l-iskadenza jew perdodu ta' notifika, li fuqhom m'huwiex permissibbli l-ħruġ ta' ċekkijiet u li huma f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji | Depositi tat-tfaddil, regolati amministrattivament, mingħajr data ta' l-iskadenza jew perjodu ta' notifika, li fuqhom m'huwiex permissibbli l-ħruġ ta' ċekkijiet u li huma f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji. | Kontijiet tal-klijenti b'data ta' l-iskadenza miftiehma f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji. |
| **Frewenza** | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar |
| **Ħeffa: mill-aġenti/lesti għall-BĊE Rapportar** | 11/15 ġranet tax-xogħol | 10/15 ġranet tax-xogħol | 10/15 ġranet tax-xogħol | 10/15 ġranet tax-xogħol | 10/15 ġranet tax-xogħol |
| **Sors tad-data** | Dirett | Dirett | Dirett | Dirett | Dirett |
| **Provvista ta' data storika** | 'L-aħjar stimi' Lulju 1997sa Awissu 1998 u d-data qabel Lulju 1997 bħala data storika | Stimi li jmorru lura sas-snin '80 | Stimi li jmorru lura sas-snin '80 | Stimi li jmorru lura sas-snin '80 | Stimi li jmorru lura sas-snin '80 |
| **Allokazzjoni fi the ħdan l-iskema ta' rapportar** | Kategorija: overnight;<br>Munita: nazzjonali;<br>Setturi: MFIs, gvern ċentrali, gvern ġenerali oħrajn,<br>residenti oħrajn setturi: korporazzjonijiet mhux finanzjarji u familji u istituzzjonijiet li m'għandhomx skop ta' qligħ li jaqdu lill-familji | Kategorija: overnight;<br>Munita: nazzjonali;<br>Setturi: gvern ġenerali oħrajn, settur oħrajn ta' residenti | Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur;<br>Munita: nazzjonali;<br>Settur: setturi oħrajn ta' residenti | Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur;<br>Munita: nazzjonali;<br>Settur: setturi oħrajn ta' residenti | Kategorija: b'data ta' skadenza miftiehma sa sena/sentejn;<br>Munita: nazzjonali;<br>Settur: setturi oħrajn ta' residenti |
| **Data dwar l-imgħax miżjud** | Eskluż | Mhux rilevanti | Eskluż | Eskluż | Eskluż |

| | L-Irlanda | | L-Italja | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Min joħroġ l-istatistika** | Uffiċċju tal-Posta (f'isem il-Ministru tal-Finanzi) Bank tat-Tfaddil (f'isem il-Ministru tal-Finanzi) | Uffiċċju tal-Posta Bank tat-Tfaddil | It-Teżor tal-Posta (permezz Ta' l-Uffiċċju) | Depositi tat-Teżor DD.PP. (permezz tal-Prestiti Cassa) | It-Teżor DD.PP. (permezz the Cassa) |
| **Is-settur ESA ta' min joħroġ l-istatistika** | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali |
| **Isem ta' l-istrument** | Depositi ordinarji | Kontijiet tat-tfaddil speċjali (SSAs) | Kontijiet kurrenti | Libretti deposits postali liberi (depositi tat-tfaddil) | Buoni fruttiferi certificates (Ċertifikati ordinarji savings) |
| **Deskrizzjoni** | Mhux trasferibbli permezz ta' ċekk, imma jistgħu jinġibdu meta jintalbu l-flus mingħajr il-penali ta' l-imgħax | Jeħlu taxxa miżmuma mis-sors fuq l-imgħax (DIRT) aktar baxxa. Flus miġbudin mingħajr avviż bil-quddiem suġġett għall-penali | Depositi (kontijiet kurrenti) | Depositi (kontijiet tat-tfaddil) | Depositi (kontijiet tat-tfaddil) |
| **Frekwenza** | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar |
| **Ħeffa: mill-aġenti/les rapportar ti għall-BCE** | 10/15 ġranet tax-xogħol | 10/15 ġranet tax-xogħol | 15 ġranet tax-xogħol | 15 ġranet tax-xogħol | 15 working days |
| **Sors tad-data** | Dirett | Dirett | Oħrajn | Oħrajn (Cassa DD. PP.) | Oħrajn (Cassa DD. PP.) |
| **Provvista ta' data storika** | Data reali b'lura minn Lulju 1997; għal stimi aktar lura sas-snin '80 uża l-eżerċizzju tal-blokki tal-bini | Data reali b'lura minn Lulju 1997; għal stimi aktar lura sas-snin '80 uża l-eżerċizzju tal-blokki tal-bini | Id-data lura sa Diċembru 1995 tista' tiġi stmata | Id-data lura sa Diċembru 1995 tista' tiġi stmata | Id-data lura sa Diċembru 1995 tista' tiġi stmata |
| **Allokazzjoni fi ħdan l-iskema ta' rapportar** | Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3 xhur;<br>Munita: nazzjonali:<br>Settur: setturi ta' residenti oħrajn | Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3 xhur;<br>Munita: nazzjonali:<br>Settur: setturi ta' residenti oħrajn | Kategorija: overnight;<br>Munita: nazzjonali;<br>Setturi: gvern ġenerali oħrajn, setturi oħrajn ta' residenti | Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3 xhur;<br>Munita: nazzjonali;<br>Settur: setturi oħrajn ta' residenti | Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3 xhur;<br>Munita: nazzjonali;<br>Setturi: setturi oħrajn ta' residenti |
| **Data dwar imgħax miżjud** | Eskluż | Eskluż | Eskluż | Eskluż | Eskluż |

| | Il-Lussemburgu | Il-Portugall | |
|---|---|---|---|
| **Min joħroġ l-istatistika** | Uffiċċju tal-Posta | It-Teżor | It-Teżor; Instituto de Gestão do Crédito Público (IGCP) |
| **Settur ESA ta' min joħroġ l-istatistika** | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali | Gvern ċentrali |
| **Isem ta' l-istrument(i)** | Depositi | Depositi kurrenti mat-teżor | Depositi kurrenti mat-Teżor; Certificados especiais de dívida de curto prazo (ċertifikati ta' debitu għal perjodu qasir) maħruġa mill-IGCP |
| **Deskrizzjoni** | – | – | – |
| **Frekwenza** | Kull xahar | Kull xahar | Kull xahar |
| **Ħeffa: minn għand l-aġenti tar-rapportar/lesti għall-BĊE** | 15-il ġurnata tax-xogħol | 10/14-il ġurnata tax-xogħol | 10/14-il ġurnata tax-xogħol |
| **Sors tad-data** | Dirett | Dirett | Dirett |
| **Provvista ta' datastorika** | Datareali b'lura minn Lulju 1997 sa Mejju 1998; m'hum iex maħsuba stimi li jmorru lura għas-snin '80 | Data reali b'lura minn Settembru 1999 | Data reali b'lura minn Settembru 1999 |
| **Allokazzjoni fi ħdan l-iskema** | Kategorija: sħiħa jekk l-Uffiċċju tal-Posta jikkopera;<br>Munita: nazzjonali;<br>Settur: ġvern ġenerali oħrajn, setturi ta' residenti oħrajn | Kategorija: overnight;<br>Munita: nazzjonali:<br>Setturi: gvern ġenerali oħrajn, setturi ta' residenti oħrajn | Kategorija: b'data ta' skadenza miftiehma sa mhux aktar minn sena;<br>Munita: nazzjonali;<br>Setturi: gvern ġenerali oħrajn, setturi ta' residenti oħrajn |
| **Data dwar imgħax miżjud** | Inklużа | Eskluża | Eskluża" |

2. L-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella 1 "Grupp ta' spjegi tal-punti tal-balance sheet (BSI) (BĊE_BSI1): dimensjonijiet tas-serje" tinbidel b'dan li ġej:

| "Pożizzjoni fl-ispjega: | Kunċett (tal-memorja) | Isem tal-kunċett | Format tal-valur | Lista tal-kodiċi (tal-memorja) | Lista ta' l-ismijiet tal-kodiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | DIMENSIONS | | | | |
| 1 | FREQ | Frekwenza | AN1 | CL_FREQ | Lista tal-frekwenza tal-kodiċi (BIS, BCE) |
| 2 | REF_AREA | Żona ta' referenza | AN2 | CL_AREA_EE | Lista tal-kodiċi taż-żoni (Eurostat BoP, BCE) |
| 3 | ADJUSTMENT | Indikatur ta' l-aġġustamenti | AN1 | CL_ADJUSTMENT | Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur ta' l-aġġustamenti (BIS, BCE) |
| 4 | BS_REP_SECTOR | Referenza tal-Balance sheet Skomposizzjoni tas-settur | AN1 | CL_BS_REP_SECTOR | Skomposizzjoni tas-settur tar-referenzi tal-Balance sheet Lista tal-kodiċi (BĊE) |
| 5 | BS_ITEM | Punt tal-Balance sheet | AN3 | CL_BS_ITEM | Lista tal-kodiċi tal-punti tal-Balance sheet (BĊE) |
| 6 | MATURITY_ORIG | Data ta' l-iskadenza oriġinali | AN1 | CL_MATURITY_ORIG | Kodiċi tad-data ta' l-iskadenza oriġinali (BĊE) |
| 7 | DATA_TYPE | Tip ta' data | AN1 | CL_DATA_TYPE | Tip ta' data, flow u pożizzjoni konnessi mal-flus u l-bank (BĊE, BIS) |
| 8 | COUNT_AREA | Żona tal-kontroparti | AN2 | CL_AREA_EE | Lista tal-kodiċi taż-żona (Eurostat BoP, BCE) |
| 9 | BS_COUNT_SECTOR | Balance sheet counter-Settur tal-grupp | AN4 | CL_BS_COUNT_SECTOR | Kodiċi tas-settur tal-kontroparti tal-Balance sheet list (BCE, BIS) |
| 10 | CURRENCY_TRANS | Munita tat-transazzjoni | AN3 | CL_CURRENCY | Lista tal-kodiċi tal-munita (BĊE, BIS, Eurostat BoP) |
| 11 | BS_SUFFIX | Suffiss tal-Balance sheet | AN..3 | CL_BS_SUFFIX | Lista tad-denominazzjoni tas-serje jew tal-kalkolu speċjali (BĊE)" |

(b) it-taqsima 2.11 tinbidel b'dan li ġej:

"Dimensjoni Nru 11: Munita tad-denominazzjoni tas-serje (BS_SUFFIX; tul: sa tliet karattri)

Din id-dimensjoni tispeċifika jekk is-serje li qed tiġi rrapportata hija espressa fil-munita nazzjonali jew fil-munita komuni (ewro). Għandha żewġ valuri (N, nazzjonali u E, ewro) li huma rappreżentati bil-lista tal-kodiċi CL_BS_SUFFIX. Din id-dimensjoni hija kritika biex tiddistingwi s-serje li tirrappreżenta l-istess fenomeni ekonomiċi li jiġu rrapportati fl-istadji differenti ta' l-għaqda ekonomika u monetarja (EMU). Bħala eżempju, fil-każ ta' pajjiżi ta' l-UE li m'humiex membri ta' l-EMU, id-data tiġi rrapportata fil-munita nazzjonali. Mill-mument li jissieħbu fl-EMU, l-istess serje tal-BSI tibda tiġa espressa u rrapportata fl-ewro.";

(ċ) fit-Taqsima 5.1 "Data ta' l-istokk", paragrafu (d) "Punti tal-Memorandum – OMFIs u BĊNi/BĊE" jinbidlu b'dan li ġej:

"Ġie identifikat fl-Anness IX sett ta' serje ta' kull xahar għas-setturi ta' l-OMFI u l-NCB/BCE bħala li huma neċessarji biex jikkontrollaw l-iżviluppi ta' xi ftit skomposizzjonijiet addizzjonali tas-serje prinċipali tal-BSI tal-MFI. Dawn is-serje jiġu rapportati lill-BĊE bħala punti tal-memorandum u jiġu kklassifikati taħt żewġ ġabriet skond il-livell tar-rilevanza tagħhom: punti tal-memorandum ta' 'prijorità għolja' u punti tal-memorandum ta' 'prijorità baxxa'. Fejn il-fenomenu ma jeżistix jew id-data ma tkunx disponibbli, m'huwa meħtieġ l-ebda rapportar. F:dan il-każ il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jinformaw lill-BĊE bil-quddiem u jibgħatu, qabel l-ewwel trasmissjoni tad-**data**, il-lista tas-serje applikabbli li tkun sejra tiġi rapportata regolarment."

3. L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) it-taqsima intitolata "Rapportar regolari tad-data" tinbidel b'dan li ġej:

"L-istatistiċi dwar il-bażi tar-riservi jinkludu sitt perjodiċi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirreferu għall-figuri ta' l-aħħar tax-xahar fuq l-istokk li jridu jiġu trasmessi lill-BĊE, bi frekwenza ta' kull xahar, mhux iktar tard mid-"data tar-rikonoxximent' (il-ġurnata tan-negozju tal-bank ċentral nazzjonali (NCB) qabel il-bidu tal-perjodu tal-manutenzjoni), permezz tas-sistema tal-bdil tad-data ta' l-ESCB. Bħala eċċezzjoni, l-istatistiċi tal-bażi tar-riservi li jirreferu għall-perjodu ta' manutenzjoni li jibda mill-24 ta' Jannar 2004 u jispiċċa fid-9 ta' Marzu 2004, għandhom jiġu provvduti mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2004 ([5]).

L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma eżenti milli jagħmlu rapport sħiħ kull xahar jibagħtu skomposizzjoni limitata lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) kull tliet xhur. Għal din il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, jintużaw statistiċi tal-bażi tar-riservi ssemplifikati għat-tliet perjodi (ta' xahar) tal-manutenzjoni tar-riservi, u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jinkludu d-data għal din il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skond il-kalendarju li juri meta għandhom isiru r-rapporti ([6]).

([5]) Jew bil-ġurnata tan-negozju tal-bank ċentrali nazzjonali (NCB) jekk is-16 ta' Frar 2004 m'hijiex ġurnata tan-negozju. 'Ġurnata ta-negozju ta' bank ċentrali nazzjonali (NCB)'strok;andha tfisser kull ġurnata li fiha bank ċentrali nazzjonali (NCB) partikolari ta' Stat Membru jkun miftuħ għal skopijiet ta' tmexxija ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja ESCB.

([6]) Il-banek ċentrali nazzjonali (NCBs) jużaw id-data ta' kull tliet xhur tal-bażi tar-riservi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma eżenti milli jagħmlu rapport sħiħ kull xahar għall-figuri ta' kull xahar rapportati lill-BĊE fit-tliet trasmissjonijiet tad-data wara li jkun ġew rilaxxati."

(b) it-taqsima bl-isem ta' "Politika riveduta" tinbidel b'dan li ġej:

"Ir-reviżjonijiet mill-istituzzjonijiet li jagħmlu r-rapporti tal-ħtiġijiet u/jew il-bażi tar-riservi li jsiru wara li jkun diġà bESA l-perjodu tal-manutenzjoni, jew wara s-16 ta' Frar 2004 fir-rigward tal-perjodu ta' manutenzjoni li jibda fl-24 ta' Jannar 2004 (reviżjonijiet li jsiru tard), m'għandhomx iwasslu għal reviżjonijiet ta' l-istatistiċi dwar il-bażi tar-riservi u dwar il-ħtiġijiet tar-riservi.";

4. L-Anness XVIII huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-Taqsima 5.2.3 "Il-kwalitajiet f'livell ta' osservazzjoni", "Obbligatorji", it-tieni paragrafu ta' l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"Il-lista ta' hawn taħt tispeċifika l-valuri mistennija (skond il-ġerarkija miftiehma) għal dawn il-kwalitajiet għall-finijiet ta' l-istatistiċi ta' l-OFI:

'A' = valur normali,

'B' = valur mal-waqfa ([20a]),

'M' = data mhux applikabbli ([21]),

'L' = teżisti d-data imma m'hijiex miġbura ([22]),

'E' = stima tal-valur/supposizzjoni,

'P' = valur porviżorju (din il-kwalità tista tintuża, b'mod partikolari, ma' kull trasmissjoni ta' data li tirreferi għall-aħħar osservazzjoni) ([23]).

([20a]) Għall-finijiet tal-grupp ta' spjegi OFI, din il-kwalità m'hijiex mitluba billi din l-informazzjoni hija diġà disponibbli mis-serje tar-riklassifikazzjoni. Ġiet miżjuda mal-lista billi hija parti mill-lista komuni tal-valuri possibbli għall-kwalità ta' l-istatus ta' osservazzjoni għall-gruppi kollha ta' spjega. Madankollu, jekk ikun provdut l-istaus ta' osservazzjoni 'B', irid ikun akkompanjat minn valur ta' osservazzjoni ta' qabel il-waqfa (OBS_PRE_BREAK).

([21]) Meta, minħabba wżanzi tas-suq lokali, jew minħabba l-qafas legali, ma jkunx applikabbli perjodiku (jew parti minnu), (ma jkunx jeżisti l-fenomenu sottostanti) jiġi rapportat valur nieqes ('-') bi status ta' osservazzjoni 'M'.

([22]) Meta, minħabba kondizzjonijiet ta' l-istatistika lokali, id-data għall-perjodiku ma tinġabarx jew f'dati speċifiċi or għat-tul sħiħ tal-perjodiku (il-fenomenu ekonomiku sottostanti jkun jeżisti imma m'huwiex ikkontrollat permezz ta' statistika), jiġi rapportat valur nieqes bi status ta' osservazzjoni 'L' f'kull perjodu.

([23]) Dawn l-osservazzjonijiet jieħdu valuri definiti (status ta' osservazzjoni 'A') fi stadju iktar tard. Il-valuri ġoddi riveduti jħassru l-osservazzjonijiet proviżorji ta' qabel.";

(b) fit-Taqsima 5.2.3 "Il-kwalitajiet f'livell ta' osservazzjoni", "Kondizzjonali", it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"OBS_PRE_BREAK: Din il-kwalità fiha l-valur ta' osservazzjoni ta' qabel il-waqfa,li hija sezzjoni numerika bħall-osservazzjoni. Tiġi provvduta meta tinqala waqfa serja. Għall-fini tal-grupp ta' spjegi ta' l-OFI, din il-kwanità m'hijex mitluba billi l-informazzjoni hija diġà disponibbli mis-serje tar-riklassifikazzjoni. Hija ġiet miżjuda mal-lista ta' kwalitajiet billi hija parti mill-kwalitajiet komuni mill-parti sekondarja tas-sett tal-gruppi kollha ta' spjega. Madankollu, jekk ikun ipprovdut l-istatus ta' osservazzjoni 'B' (valur mal-waqfa), għandu jkun akkompanjat minn valur ta' osservazzjoni ta' qabel il-waqfa."

5. Fl-Anness XX, Taqsima 3 "Standard tat-trasmissjoni" tiġi mħassra.

*L-ANNESS III*

*"L-ANNESS VIII*

**RAPPORTAR TA' DATA TA' KULL TLIET XHUR ANALIZZATA SKOND IL-PAJJIŻ U SKOND IL-MUNITA**

**Rapportar ta' data taħt ir-Regolament BĊE/2001/13**

1. Ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jirrigwarda l-balance sheet konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ([1]) jirrekjedi li l-MFIs jipprovdu skomposizzjonijiet kull tliet xhur tal-punti prinċipali tal-balance sheet globali kif definita f'parti 1 tat-taqsima IV u kif speċifikati aktar fit-tabella 3 (analizzata skond il-pajjiż) u tabella 4 (analizzata skond il-munita) tal-parti 2 ta' l-Anness I ta' l-imsemmi Regaolament. Fiż-żewġ tabelli, iċ-ċelluli li jikkorrispondu għall-posizzjonijiet tal-pajjiżi li ser jissieħbu ma' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004 huma mmarkati bis-sinjal '#'. L-MFIs jirrapportaw data dwar dawn iċ-ċelluli. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu madankollu jiddeċiedu li ma jeħtieġux li din id-data tkun rapportata jekk il-figuri miġbura f'livell ogħla ta' aggregazzjoni juru li huma insinifikanti.

2. Jekk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiddeċiedu li ma jeħtieġux ir-rapportar tad-data insinifikanti li huma jistmaw, f'intervalli regolari (mill-inqas darba fis-sena), kemm jekk id-data fir-rigward taċ-ċelluli tkun immarkata bis-sinjal '#' kemm jekk le, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jinfurmaw lill-BĊE u lill-MFIs b'kull tibdila fil-ħtiġijiet tar-rapportar fir-rigward taċ-ċelluli msemmija.

3. Fejn id-data fir-rigward taċ-ċelluli mmarkati bis-sinjal '#' tkun insinifikanti u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiddeċiedu li ma jeħtieġux ir-rapportar (sħiħ) tagħhom, jagħmlu stima tad-data billi jagħmlu użu mill-informazzjoni eżistenti, skond il-metodi stabbiliti hawn taħt.

**Metodi ta' stima**

4. Fejn il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistmaw id-data billi jagħmlu użu mill-informazzjoni eżistenti, huma jirrapportaw din id-data lill-BĊE bħala punti ta' memorandum. Il-metodi ta' stima li ġejjin jistgħu jintużaw (iktar metodi jistgħu jiġu diskussi mal-BĊE każ każ):

   – il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi tad-data rrapportata mill-MFIs fi frekwenza iktar baxxa. Id-data titmexxa għall-perjodu(i) nieqes/neqsin, billi tiġi mħassra jew billi jiġu applikati tekniċi ta' l-istatistika xierqa sabiex jiġi rifless kull tkabbir fit-tendenza jew is-sekwenza skond l-istaġuni,

   – il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi ta' data rapportata mill-MFIs fuq bażi iktar komplessiva, jew fuq il-bażi ta' skomposizzjonijiet speċifiċi li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jikkunsidraw li jagħmlu sens,

   – il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi ta' data ta'kull tliet xhur miġbura minn MFIs kbar (responsabbli għal mill-inqas 80 % tan-negozju mal-pajjiżi li ser jissieħbu fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004),

   – il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi ta' sorsi tad-data alternattivi (bħall-Bank għall-Ftehim Internazzjonali) jew data dwar il-bilanċ tal-pagamenti), wara li jkun sar kull aġġustament neċessarju meħtieġ minħabba l-kunċetti u d-definizzjonijiet użati f'sorsi alternattivi bħal dawn meta mqabbla ma' dawk użati fl-istatistiċi dwar il-flus u l-banek,

   – il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi tad-data tal-pajjiżi li ser jissieħbu fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004 li tkun rapportata kull tliet xhur mill-MFIs bħala total wieħed.

**Ħeffa tar-rapportar**

5. Id-data rapportata bħala punti ta' memorandum taħt dan l-Anness jistgħu jiġu rapportati lill-BĊE b'dewmien ta' xahar ieħor mill-egħluq tan-negozju fit-28 ġurnata tax-xogħol wara t-tmiem tat-tliet xhur li jirreferu għalihom."

---

([1]) ĠU L 333, tas-17.12.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2003/10 (ĠU L 250, tat-2.10.2003, p. 17)."

*L-ANNESS IV*

*"L-ANNESS IX*

**PUNTI TAL-MEMORANDUM LI JRIDU JIĠU PPROVDUTI BI FREKWENZA TA' XAHAR**

Skema ta' rapportar

1. Il-punti tal-memorandum elenkati f'dan l-Anness jagħmlu parti mill-grupp ta' spjega tal-punti tal-balance sheet (BSI), li hu mfisser fl-Anness XIII. Is-serje trid tiġi rapportata bi frekwenza ta' xahar u bl-istess ħeffa ta' l-istatistiċi obbligatorji tal-balance sheet ta' kull xahar ta' l-istituzzjoni finanzjarja monetarja (MFI) skon ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-balance sheet konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjoniiet finanzjarji monetarji [1].

## *I. Punti tal-memorandum għad-derivazzjoni u l-istima ta' l-aggregato monetarji*

2. Għall-finijiet tal-kompilazzjoni ta' l-aggregati monetarji, il-banek ċentrali nazzjonali jirrapportaw informazzjoni ta' l-istatistika dwar skomposizzjonijiet supplimentari ta' 'flus fiċ-ċirkolazzjoni' u 'titoli ta' debitu maħruġa'. Dawn il-punti ta' prijorità għolja tal-memorandum jidhru ġewwa ċelluli b'tipi grassi fit-Tabelli A u B u qed jiġu definiti hawn taħt. Ikunu jinħtieġu l-bqija tal-punti tal-memorandum biex tkun tista' ssir analiżi iktar dettaljata ta' l-istatistiċi tal-balance sheet tal-MFI.

3. **Flus fi-ċirkolazzjoni, li minnhom il-flus tal-karta ta' l-ewro (M1), flus tal-karta ta' l-ewro, flus tal-karta tad-denominazzjoni nazzjonali (M2), muniti (M3), muniti denominati fl-ewro (M4) u muniti f'denominazzjonijiet nazzjonali (M5):**

   – flus tal-karta ta' l-ewro (M1) huma flus tal-karta ta' l-ewro kif inkluża fil-punt 'flus fiċ-ċirkolazzjoni',

   – flus tal-karta ta' denominazzjoni nazzjonali (M2) huma flus tal-karta denominati fil-munita tal-legati maħruġa mill-banek ċentrali nazzjonali qabel l-1 ta' Jannar 2002 li għadhom ma ġewx mifdija fil-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi). Rapportati minn Jannar 2002, mill-inqas matul l-2002.

   – muniti (M3) tirreferi għall-ammont ta' muniti, kemm ewro kif ukoll denominazzjonijiet nazzjonali (li għadhom ma ġewx mifdija), maħruġa minn awtoritajiet nazzjonali (BĊNi u gvernijiet ċentrali) u rrapportati bħala parti mill-punt 'flus fiċ-ċirkolazzjoni' fil-balance sheet ta' l-NCB,

   – muniti denominati f'ewro (M4) huma muniti denominati f'ewro maħruġa minn awtoritajiet nazzjonali (BĊNi u gvernijiet ċentrali),

   – muniti f'denominazzjonijiet nazzjonali (M5) huma muniti denominati f'muniti ta' legati maħruġa minn awtoritajiet nazzjonali (BĊNi u gvernijiet ċentrali) qabel l-1 ta' Jannar 2002 li għadhom ma ġewx mifdija għand il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi).

4. **Dawk li huma fil-pussess ta' titoli negozjabbli maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/BĊNi (punti M6 sa M8)**

   Titoli ta' debitu maħruġa mill-BĊE/BĊNi li ġew analizzati skond ir-residenza ta' min huwa fil-pussess tagħhom, skond is-separazzjoni fuq tliet mod kfi ġej: domestiku/Stati Membri oħrajn li qed jipparteċipaw/bqija tad-dinja

[1] ĠU L 333, tas-17.12.2001, p.1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament ECB/2003/10 (ĠU L 250, tat-2.10.2003, p.17).

*Tabella A*

**Data ta' (stokks) BĊE/BĊNi** ([1])

| | Domestiku | Stati Membri ohrajn li qed jipparteċipaw | Il-bqijd tad-dinja | Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|
| DJUN | | | | |
| 8 **Flus fiċ-ċirkulazzjoni** | | | | |
| Li minnhom flus tal-karta | | | | |
| – flus tal-karta fl-ewro | | | | **M1** |
| – flus tal-karta f'denominazzjoni nazzjonali | | | | **M2** |
| Li minnhom muniti | | | | **M3** |
| – muniti denominati fl-ewro ([2]) | | | | **M4** |
| – muniti f'denominazzjoni nazzjonali ([3]) | | | | **M5** |
| 11 **Titoli ta' self mahruġa** | | | | |
| Sa sena | **M6** | **M7** | **M8** | |
| 14 **Il-bqija tal-passiv** | | | | |
| Li minnhom imgħax miżjud mad-depositi | | | | M9 |
| Li minnhom partiti transitorji | | | | M10 |
| Li minnhom partiti temporanji | | | | M11 |
| Li minnhom derivattivi finanzjarji | | | | M12 |
| Li minnhom passiv intra-eurosystem relatat ma' l-allokazzjoni tal-flus tal-karta ta' l-ewro | **M13** | | | |

| | Domestiku | Stati Membri ohrajn li qed jipparteċipaw | Il-bqijd tad-dinja | Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|
| ASSI | | | | |
| 7 **Kumplament ta' attiv** | | | | |
| Li minnhom imgħax miżjud mas-self | | | | M14 |
| Li minnhom partiti transitorji | | | | M15 |
| Li minnhom partiti temporanji | | | | M16 |
| Li minnhom derivattivi finanzjarji | | | | M17 |
| Li minnhom passiv intra-eurosystem relatat ma' l-allokazzjoni tal-flus tal-karta ta' l-ewro | **M18** | | | |

Ċelluli stampati b'tipi grassi huma partiti ta' prijorità għolja
([1]) Flow datatista' tiġi pprovduta suġġett għal ftehim bilaterali bejn il-BĊE u l-NCB
([2]) jiġu rappurtati jekk disponibbli
([3]) jiġu rappurtati jekk disponibbli

*Tabella B*

**Data oħra (stokks) MFI** ([1])

| | Domestiku | Stati Membri oħrajn li qed jipparteċipaw | Il-bqija tad-dinja | Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|
| Sa sena | | | | |
| 11 **Titoli ta' debitu maħruġa** | | | | |
| Sa sena | **M19** | **M20** | **M21** | |
| Ewro | **M22↑** | **M23↑** | **M24↑** | |
| Muniti barranin | **M25↑** | **M26↑** | **M27↑** | |
| Iktar minn sena sa sentejn | **M28** | **M29** | **M30** | |
| Ewro | **M31↑** | **M32↑** | **M33↑** | |
| Muniti barrani | **M34↑** | **M35↑** | **M36↑** | |
| 13 **Kapital u riservi** | | | | |
| Li minnhom provvedimenti | | | | M37 |
| 14 **Il-Bqija tal-Passiv** | | | | |
| Li minnhom imgħax miżjud mad-depositi | | | | M38 |
| Li minnhom partiti transitorji | | | | M39 |
| Li minnhom partiti temporanji | | | | M40 |
| Li minnhom derivattivi finanzjarji | | | | M41 |

| | Domestiku | Stati Membri oħrajn li qed jipparteċipaw | Il-bqija tad-dinja | Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|
| ASSI | | | | |
| 7 **Il-Bqija ta' l-Attiv** | | | | |
| Li minnhom imgħax miżjud fuq is-self | | | | M42 |
| Li minnhom partiti transitorji | | | | M43 |
| Li minnhom partiti temporanji | | | | M44 |
| Li minnhom derivattivi finanzjarji | | | | M45 |

Ċelluli stampati b'tipi grassi huma partiti ta' prijorità għolja.
Suġġett għall-ftehim bejn il-BĊE u l-NCB, iċ-ċelluli b'tipi grassi mmarkati bi vleġġa (↑) jistgħu ma jiġux irrapportati mill-NCB fejn jintużaw sorsi alternattivi ta' datamill-BĊE.

([1]) Suġġett għall-ftehim bilaterali bejn il-BĊE u l-NCB, tista' tkun provvduta flow data.

5. **Il-bqija ta' l-attiv u l-passiv, li minnhom il-passiv intra-eurosystem (punt M13)/pretensjonijiet (item M18) relatati ma' l-allokazzjoni tal-flus tal-karta ta' l-ewro**

Il-posizzjonijiet nett vis-à-vis l-eurosystem oriġinata minn: 1. tqassim tal-flus tal-karta ta' l-ewro maħruġa mill-BĊE (8 % tal-ħarġiet totali); u 2. l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu dwar l-ishma mill-kapital. L-allokazzjoni tal-pożizzjoni netta ta' kreditu jew debitu tal-bank ċentrali nazzjonali u l-BĊE individwali jew fuq in-naħa ta' l-attivi tal-balance sheet jew fuq in-naħa tal-passiv issir skond il-marka, jiġifieri pożizzjoni posittiva netta vis-à-vis l-eurosystem tiġi rapportata fuq in-naħa ta' l-attiv, filwaqt li pożizzjoni negattiva netta fuq in-naħa tal-passiv.

6. **Min għandu fil-pussess tiegħu titoli negozjabbli maħruġa minn MFIs oħrajn bi skomposizzjoni skond id-data ta' meta jagħlqu (punti M19 sa M21 u M28 sa M30) u ukoll skond il-munita (punti M22 sa M27 u M31 sa M36)**

Titoli ta' debitu u titoli ta' debitu li jimmaturaw fi żmien qasir maħruġa minn MFIs li ġew analizzati skond ir-residenza ta' min għandu l-pussess tagħhom skond is-separazzjonijiet fuq tliet modi li ġejjin: domestiku/Stati Membri oħajn li qed jipparteċipaw/bqija tad-dinja. Data dwar titoli ta' debitu u titoli ta' debitu li jimmaturaw fi żmien qasir jiġu pprovduti analizzati skond id-data ta' l-iskadenza (sa sena, iktar minn sena u sa sentejn) u aktar dettalji skond il-munita (ewro, muniti barranin).

## *II. Punti ta' memorandum biex tinkiseb informazzjoni dwar il-weighting għall-istatistiċi dwar ir-rata ta' l-imgħax tal-MFI.*

7. Għall-produzzjoni regolari ta' l-istatistiċi ([1]) dwar ir-rata ta' l-imgħax tal-MFI (hawn iżjed 'il quddiem MIR), hija meħtieġa l-informazzjoni dwar il-**weighting** biex tgħaqqad flimkien l-istatistiċi nazzjonali ta' l-MIR ma' l-istatistiċi ta' l-MIR għaż-żona ta' l-ewro. Bl-għan li jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), ittieħdet id-deċiżjoni biex bħala sors primarju biex jinkisbu l-koeffiċjenti għall-istatistiċi ta' l-MIR fuq ammonti pendenti kif ukoll fuq statistiċi magħżula ta' l-MIR fuq negozju ġdid, tintuża l-informazzjoni ta' l-istatistika diġà rrapportata mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fil-kuntest ta' l-istatistiċi tal-BSI.

8. Fuq il-bażi tad-disponibilità tad-data skond ir-Regolament BĊE/2001/13 l-informazzjoni dwar il-**weighting** għall-kategoriji differenti rilevanti li jirreferu għal negozju ġdid u ammonti pendenti tista' tkun faċilment ippjanata mill-istatistiċi tal-balance sheet tal-MFI. Madankollu, għall-kategoriji ta' l-istrumenti tas-self fil-qasam ta' l-ammonti pendenti ([2]) id-data obbligatorja tal-BSI ma tippermettix li jsir kontroll preċiż.

9. Għall-dawn il-kategoriji ta' stumenti ta' self, is-serje (obbligatorja) tal-BSI tkopri l-muniti kollha tat-transazzjonijiet, filwaqt l-istatistiċi ta' l-MIR jikkunsidraw self denominat fl-ewro biss. Is-serje tal-BSI li tirreferi biss għall-ewro bħala l-munita tat-transazzjoni skond ir-Regolament BĊE/2001/13, hija disponibbli bl-analiżi meħtieġa skond is-settur, imma mingħajr ebda distinzjoni skond id-data ta' l-iskadenza lanqas (fi ħdan is-settur tal-familja) skond it-tip ta' self.

10. Għal din il-kategorija ta' self, il-**weighting** għandu għalhekk ikun ibbażat fuq is-serje tal-BSI li tirreferi għal self f'kull munita. Madankollu, is-serje tiġi aġġustata skond id-daqs ta' l-ewro mat-total kollu tal-muniti tat-transazzjoni.

11. Wara li saru kuntatti bilaterali, numru ta' banek ċentrali nazzjonali BĊNi (sa llum: il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburegu, l-Awstrija, il-Portugall u l-Finlandja) huma, madankollu, ukolll f'pożizzjoni li jopprovdu l-analiżijiet meħtieġa għas-self denominat fl-ewro. Għal dan il-għan, ġew stabbiliti l-punti ta' memorandum li ġejjin:

---

([1]) According to Regulation ECB/2001/18 of 20 December 2001 concerning statistics on interest rates applied by monetary financial institutions to deposits and loans vis-à-vis households and non-financial corporations (OJ L 10, 12.1.2002, p. 24).

([2]) See Regulation ECB/2001/18, Annex II, Appendix 1: indicators 6 to 14.

*Tabella Ċ*

**Data (stokks) ta' MFIs oħra**

Self denominat f'ewro mogħti minn MFIs oħra lil sotto-kategoriji indikati ta' 'residenti oħrajn'

| ATTIV | Korp. Mhux finanzjarji(S. 11) | Familji eċċ.(S. 14 + S. 15) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | *Self għall-użu personali* | *Self għax-xiri ta' djar* | *Self ieħor (il-bqija)* |
| A. **Domestiku** | | | | |
| *Self* | | | | |
| Li minnu ewro | | | | |
| Sa sena | **M46** | **M47** | **M48** | **M49** |
| Iktar minn sena sa 5 snin | **M50** | **M51** | **M52** | **M53** |
| Iktar minn 5 snin | **M54** | **M55** | **M56** | **M57** |
| B. **Partik. Oħrajn MS** | | | | |
| *Self* | | | | |
| Li minnu ewro | | | | |
| Sa sena | **M58** | **M59** | **M60** | **M61** |
| Iktar minn sena sa 5 snin | **M62** | **M63** | **M64** | **M65** |
| Iktar minn 5 snin | **M66** | **M67** | **M68** | **M69**" |

*L-ANNESS V*

*"L-ANNESS XVII*

**LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MONETARJI**

LINJI GWIDA GĦAR-RAPPORTAR TA' L-AĠĠORNAMENTI

***Introduzzjoni***

1. Dawn il-linji gwida jipprovdu informazzjoni dwar il-ġbir, il-validazzjoni u t-tixrid tal-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs). Il-lista ta' MFIs hija ġabra ta' istituzzjonijiet li jirriflettu s-setturi nazzjonali tal-MFI ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

***Aġġornamenti ad hoc għall-lista tal-MFIs***

2. Aġġornamenti ad hochuma obbligatorji u jsiru jekk ikun hemm bdil fis-settur tal-MFI, jiġifieri istituzzjoni tissieħeb mas-settur tal-MFI, jew MFI eżistenti tħalli s-settur ta'.

3. Aġġornamenti ad hoc huma wkoll obbligatorji fejn ikun hemm xi bdil fil-kwalitajiet tal-MFIs eżistenti.

4. Istituzzjoni tista' tissieħeb mas-settur tal-MFI għal kull waħda mir-raġunijiet ta' hawn taħt:

   – it-twaqqif ta' MFI bħala riżultat ta' għaqda,

   – it-twaqqif ta' entitajiet legali ġodda bħala riżultat tal-qasma ta' MFI eżistenti,

   – it-twaqqif ta' MFI ġdid,

   – bidla fl-istatus ta' istituzzjoni li qabel ma kienetx MFI, b'mod li ssir MFI.

5. Istituzzjoni tista' tħalli s-settur tal-MFI għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

   – l-implikazzjoni ta' MFI f'xi għaqda,

   – ix-xiri ta' MFI minn istituzzjoni oħra,

   – il-qsim ta' MFI f'entitajiet legali separati,

   – bidla fl-istatus ta' MFI, b'mod li ma tibqax MFI,

   – il-likwidazzjoni ta' MFI.

6. It-trasmissjoni ta' aġġornamenti *ad hoc* tas-settur tal-MFI hija obbligatorja, kemm sabiex tkun garantita konsistenza sħiħa mal-kontropartijiet eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja (hawn iżjed 'il quddiem 'MPEC') u għar-rilaxx kull xahar tal-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

7. Meta tkun qed tiġi rapportata istituzzjoni ġdida jew istituzzjoni li hemm bżonn tkun mibdula, għandhom jiġu kompletati l-fatturi obbligatorji kollha.

8. Meta tkun qed tiġi rapportata istituzzjoni li tħalli s-settur tal-MFI (li m'hijiex parti mill-għaqda) bħala minimu l-informazzjoni li ġejja għandha tkun rapportata: it-tip ta' talba (jiġifieri ħassar) u l-kodiċi ta' l-identifikazzjoni (hawn iżjed 'il quddiem 'id') tal-MFI (jiġifieri l-fattur 'mfi_id').

***Riallokazzjoni tal-kodiċi MFI id***

9. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ma għandhomx jirriallokaw il-kodiċi MFI id ta' MFIs mħassra lil MFIs ġodda.

10. F'każ li dan ma jistax jiġi evitat, għandha tintbagħat talba ta' 'mfi_req_realloc' lill-BĊE. Ir-riallokazzjoni ta' kodiċi MFI id tiġi mmaniġġjata mill-BĊE bħala allokazzjoni ta' kodiċi ġdid lil MFI ġdida, bid-differenza li s-sistema ma tikkontrollax l-arkivji tal-MFI biex tfittex MFIs li jaqblu. Wieħed irid jinnota li jekk il-kodiċi tal-MFI id li jkun qed jiġi riallokat jeżisti fil-lista eżistenti tal-MFIs, f'dan il-każ it-talba tkun miċħuda.

11. F’każ li l-kodiċi tal-MFI id ta’ MFI eżistenti jkun irid jinbidel għal dak ta’ MFI li jkun tħassar, f’dan il-każ għandha tintbagħat talba ta’ ‘mfi_req_mod_id_realloc' lill-BĊE. Dan jippermetti li sseħħ bidla tal-kodiċi tal-MFI id u riallokazzjoni ta’ kodiċi eżistenti tal-MFI id f’operazzjoni waħda. Kull darba li jinbidel kodiċi tal-MFI id b’dan il-mod l-MFIs kollha eżistenti jiġu kkontrollati biex isir magħruf jekk il-kodiċi tal-MFI id antik kienx rapportat għall-uffiċċju ċentrali ta’ MFI eżistenti (jiġifieri għal fergħa barranija); jekk ikun hekk, il-kodiċi tal-MFI id ta’ l-uffiċċju ċentrali ikun aġġornat awtomatikament. Wieħed irid jonnota li jekk il-kodiċi ġdid tal-MFI id diġà ntuża u t-talba m’hijiex mfi_req_mod_id_realloc (jew il-kodiċi ġdid tal-MFI id jinsab fil-lista kurrenti) it-talba tiġi miċħuda.

***Fatturi trasmessi***

12. It-tabella ta’ hawn taħt tispjega l-fatturi li huma miġbura għall-lista tal-MFIs u jekk humiex obbligatorji jew le. Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima dwar il-‘Kontrolli ta’ validazzjoni' ta’ hawn taħt għal iktar dettalji dwar kull fattur. Innota li jekk m’huwiex iddikjarat b’mod espliċitu mod ieħor, it-termini ‘għaqdiet' jirreferi għal attività domestika ta’ għaqda.

| Status | Isem il-fattur | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Obbligatorju | object_request | It-tip ta’ aġġornament tal-MFI mibgħut. Jista’ jkun wieħed minn seba’ valuri definiti minn qabel: ‘mfi_req_new', ‘mfi_req_mod', ‘mfi_req_del', ‘mfi_req_merger', ‘mfi_req_realloc', ‘mfi_req_mod_id_realloc' u ‘mfi_req_mod_id'. |
| Obbligatorju | mfi_id | Il-kodiċi uniku id tal-partijiet: ‘host' u ‘id' MFI. Kompost minn 2 |
| Obbligatorju: meta jkun parti mill-kodiċi id | host | Il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-MFI, mogħti bħala kodiċi ISO ta’ pajjiż b’żewġ karattri |
| Obbligatorju: meta jkun parti mill-kodiċi id | id | Il-kodiċi id għall-istituzzjoni (mingħajr il-kodiċi ISO tal-pajjiż ‘host' b’żewġ karattri bħala prefiss) |
| Obbligatorju | name | L-isem ta’ reġistrazzjoni sħiħ tal-MFI |
| Obbligatorju: għal talbiet ‘new' u ‘mod' | address | Id-dettalji tal-post tal-MFI. Komposti minn erba’ partijiet: ‘address', ‘box', ‘code' and ‘city' |
| Obbligatorju: għal talbiet for ‘new' u ‘mod' | postal_address | L-isem tat-triq u n-numru tal-bini |
| Obbligatorju: għal talbiet ‘new' u ‘mod' | postal_box | In-numru tal-kaxxa postali |
| Mandatory: for ‘new' and ‘mod' requests | postal_code | Il-kodiċi postali |
| Mandatory: for ‘new' and ‘mod' requests | city | Il-belt tal-lokalità |
| Obbligatorju: għal talbiet ‘new' u ‘mod' requests | category | Tindika t-tip ta’ MFI. Din tista’ tkun valuri definit minn qabel: Waħd minn bank ċentrali, fond għal self ta’ erba’ flus għal żmien qasir u istituzzjonijiet istituzzjoni oħra |

| Status | Isem il-fattur | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Obbligatorju: għal talbiet 'new' u 'mod' | report | Tindika jekk l-MFI jirrapportax statistiċi ta' balance sheet kull xahar jew le. Tista' tkun waħda minn żewġ valuri definiti minn qabel: veru jew falza |
| Mhux obbligatorju | order_r | Tindika l-ordni mixtieqa tal-Lista tal-MFIs jekk ma tkunx applikabbli l-ordni alfabetika bl-Ingliż. |
| Obbligatorju għal fergħat barranin | head_of_branch | Tindika li l-MFI hija fergħa barranija. Jista' jkollha waħda minn tliet valuri: 'non_eu_head', 'eu_non_mfi_head' jew 'eu_mfi_head' |
| Obbligatorju għal fergħat barranin | non_eu_head | L-uffiċċju ċentrali mhux residenti fl-UE. Kompost minn żewġ partijiet: 'host' u 'name' |
| Obbligatorju għal fergħat barranin | eu_non_mfi_head | Tispeċifika li l-uffiċċju ċentrali huwa residenti fl-UE u m'huwiex MFI. Kompost minn żewġ partijiet: 'non_mfi_id' u 'name' |
| Obbligatorju għal fergħat barranin | eu_mfi_head | Tispeċifika li l-uffiċċju ċentrali huwa residenti fl-UE u huwa MFI. Il-valur għal dan il-fattur huwa kompost minn 'mfi_id' |
| Obbligatorju għall-għaqdiet | mfi_req_merger | Tispeċifika li informazzjoni fuq l-għaqda qed tintbagħat |
| Obbligatorju għall-għaqdiet | submerger | Taħt kull 'submerger', għandhom jiġu rrapportati istituzzjonijiet li jkollhom l-istess 'data' ta' l-effett legali ta' l-attività ta' l-għaqda. Komposti minn erba' partijiet: 'date', 'comment', 'involved_mfi' u 'involved_non_mfi' |
| Obbligatorju għall-għaqdiet ta' istituzzjonijiet ma' dawm ta' pajjiżi differenti | involved_mfi | Tispeċifika li MFI huwa mdaħħal f'laqgħa ma' istituzzjoni ta' pajjiż ieħor. Il-valur għal dan il-fattur huwa kompost minn 'mfi_ref' |
| Obbligatorju għall-għaqdiet | involved_non_mfi | Tispeċifika li istituzzjoni li m'hijiex hija involuta fl-għaqda. Il-valur għal dan il-fattur huwa kompost minn 'non_mfi_obj' |
| Obbligatorju għall-għaqdiet ta' istituzzjonijiet ma' dawk ta' pajjiżi differenti | mfi_ref | Dettalji ta' MFI imdaħħal f'għaqda ma' istituzzjoni ta' pajjiż ieħor. Kompost minn żewġ partijiet: 'mfi_id' u'name' |
| Obbligatorju għall-għaqdiet | non_mfi_obj | Dettalji ta' istituzzjoni mhux MFI imdaħħla f'għaqda ma' MFI. Komposta minn żewġ partijiet:'non_mfi_id' u 'name' |
| Obbligatorju għall-għaqdiet | non_mfi_id | Dettalji ta' istituzzjoni li mhux MFI mdaħħla f'għaqda ma' MFI. Komposta minn żewġ partijiet: 'host' u 'id'. Tul ta' ħames karattri |
| Mhux applikabbli għall-aġġornamenti ta' l-NCB. Għat-tixrid biss. | BCE_id | Kodiċi uniku stabbilit mill-BĊE, mogħti lil kull MFI. Dan il-fattur jintbagħat, permezz tas-Sistema ta' Skambju tad-Data N13, lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), bit-tixrid standard kollu. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jagħżlu jew li jaċċettaw jew li jħassruh. |
| Mhux applikabbli għall-aġġornamenti tal-banek ċentrali nazzjonali (NCB). Għat-tixrid biss. | head_bce_id | Kodiċi uniku stabbilit mill-BĊE, mogħti lill-uffiċċji ċentrali tal-fergħat barranin ta' l-UE MFI. Dan il-fattur jintbagħat, permezz tas-Sistema ta' Skambju tad-Data N13, lill-banek ċentrali nazzjonali, bit-tixrid standard kollu. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jagħżlu jew li jaċċettaw jew li jħassruh. |

*Talbiet għall-għaqda*

13. Diversi eżempji qed jingħataw hawn taħt tal-fatturi li jridu jintużaw biex ikunu rapportati għaqdiet kemm domestiċi kif ukoll dawk trans-konfini, bejn MFI u MFIs u/jew mhux MFIs oħrajn. Qed jiġu indikati ukoll ix-xenarji li jinvolvu kemm l-istess dati ta' l-effett legali ta' attività ta' għaqda kif ukoll dawk differenti. Innota li s-sitwazzjonijiet ta' hawn taħt huma kampjuni u ma jirrappreżentawx lista ta' kull xenarju possobbli ta' għaqda. Barra dan, ir-riżultat speċifikat għal sitwazzjoni huwa biss wieħed minn ħafna riżultati possibbbli għal dik it-tip ta' għaqda.

14. Għal-linji gwidi xierqa dwar l-iskema ta' rapportar ta' l-XML għandha ssir referenza għall-'Exchange Specification for the N13 Phase II Data Exchange System' (ara t-taqsima dwar ir-'Referenza' hawn taħt.

Eżempji ta' talbiet għall-għaqdiet

| Referenza | Sitwazzjoni | Fatturi varjabbli ta' l-għaqda li għandhom jintużaw biex jirrapportaw is-sitwazzjoni |
|---|---|---|
| 1 | Għaqda domestika bejn żewġ MFIs<br>Riżultat: il-liċenzi tal-MFI-1 u l-FI-2 jiġu irtirati. Tiġi stabbilita istituzzjoni ġdida (MFI-3) mill-għaqda. Hemm data waħda b'effett legali għal din l-għaqda (date-1) | Mfi_req_merger<br>Submerger<br>date (date-1)<br>mfi_req_del (MFI-1)<br>mfi_req_del (MFI-2)<br>mfi_req_new (MFI-3) |
| 2 | Riżultat ta' għaqda domestika bejn tliet MFIs:<br>MFI-1 u MFI-2 huma involuti f'attività ta' għaqda fid-data-1, bil-konsegwenza li l-liċenza ta' MFI-2 tiġi irtirata. MFI-1 imbagħad tingħaqad ma' MFI-3 fid-data-2. MFI-1 tibdel isimha u tiġi irtirata l-liċenza ta' MFI-3<br>Nota: Fid-data-1, MFI-1 tiġi rrapportata bħala bidli, anki jekk ma kienx hemm tibdiliet fil-kwalità | Mfi_req merger<br>Submerger<br>date (date-1)<br>mfi_req_mod (MFI-1)<br>mfi_req_del (MFI-2)<br>submerger<br>date (date-2)<br>mfi_req_mod (MFI-1)<br>mfi_req_del (MFI-3) |
| 3 | Għaqda domestika bejn żewġ istituzzjonijiet, MFI u istituzzjoni li m'hijiex MFI<br>Riżultat: MFI-1 tibdel isimha. Hemm data ta' effett legali waħda għal din l-għaqda (data-1)<br>Nota: Il-bidla fl-istituzzjoni li m'hijiex MFI m'hijiex rapportata, ħlief id-dettalji ta' l-id | mfi_req_merger<br>submerger<br>date (date-1)<br>mfi_req_mod (MFI-1)<br>involved_non_mfi<br>non_mfi_obj<br>non_mfi_id |
| 4 | Għaqda trans-konfini bejn żewġ MFIs (MFI-1 fil-pajjiż X u MFI-2 fil-pajjiż Y), bl-MFI li jirriżulta lokalizzat fil-pajjiż X<br>Riżultat: Il-liċenzi kemm ta' MFI-1 u MFI-2 jiġu irtirati. Tiġi stabbilita istituzzjoni ġdida (MFI-3) mill-għaqda, fil-pajjiż X. Id-data ta' l-effett legali hija data-1<br>Nota: F'għaqda trans-konfini, it-talbiet mill-pajjiżi involuti jridu jaslu qabel tiġi implimentata l-informazzjoni dwar l-għaqda. Sa dak il-mument, kull talba tkun meqjusa li qegħda fi stat 'inkompleta' fis-sistema. | Country X sends this request:<br>mfi_req_merger<br>submerger<br>date (date-1)<br>mfi_req_del (MFI-1, country X)<br>mfi_req_new (MFI-3, country X)<br>involved_mfi<br>mfi_ref (MFI-2, country Y)<br>Country Y sends this request:<br>mfi_req_merger<br>submerger<br>date (date-1)<br>mfi_req_del (MFI-2, country Y)<br>involved_mfi<br>mfi_ref (MFI-1, country X)<br>mfi_ref (MFI-3, country X) |

*Frekwenza tat-trasmissjoni*

15. It-trasmissjoni ta' aġġornamenti *ad hoc*ill-BĊE għandha tiġi effettwata hekk kif iseħħu l-bidliet fis-settur tal-MFI.

### *Mezz ta' trasmissjoni u l-format tal-fajl*

16. Aġġornamenti *ad hoc* għandhom jiġu trasmessi fil-format XML, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13

17. F'każ li tfalli s-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13, l-aġġornamenti għandhom jiġu trasmessi fil-format XML permezz ta' l-N13 *Cebamail account*.

18. Għal dettalji sħaħ tas-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13 għat-trasmissjoni ta' l-aġġornamenti tal-MFI, jekk jogħġbok irreferi għad-dokument dwar l-'Exchange Specification for the N13 Phase II Data Exchange System' (ara t-taqsima dwar ir-'Referenza' hawn taħt).

19. Meta jintużaw proċeduri ta' *input* manwali, il-banek ċentrali nazzjonali għandu jkollhom sett adegwat ta' kontrolli biex inaqqsu kemm jista' jkun l-iżbalji ta' waqt it-tħaddim u jiggarantixu l-eżattezza u l-konsistenza ta' l-aġġornamenti tal-MFI rapportati permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13.

### *Kontrolli ta' validazzjoni*

20. Il-kontrolli ta' validazzjoni li ġejjin għandhom jitwettqu qabel jiġu trasmessi l-aġġornamenti tal-MFI lill-BĊE. Il-BĊE implimenta l-istess kontroll ta' validazzjoni, u għalhekk l-aġġornamenti kollha li jaslu għand il-BĊE u li jgħaddu l-kontrolli ta' validazzjoni jiġu implimentati awtomatikament fid-dataset tal-MFI.

**Ġenerali**

(i) Il-fatturi varjabbli obbligatorji kollha huma kompletati.

(ii) Il-valuri għall-fattur varjabbli 'object_request' huma wieħed minn seba' tipi definiti minn qabel:

– 'mfi_req_new' (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq MFI ġdid ingħatat),

– 'mfi_req_mod' (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq tibdiliet lil MFI eżistenti ingħatat),

– 'mfi_req_del' (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq MFI eżistenti li trid titħassar ingħatat),

– 'mfi_req_merger' (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq istituzzjonijiet involuti f'għaqda ingħatat),

– 'mfi_req_realloc' (Tispeċifika li r-riallokazzjoni ta' mfi_id imħassra għal MFI ġdid ingħatat),

– 'mfi_req_mod_id_realloc' (Tispeċifika li bidla tal-MFI_id ta' MFI eżistenti għal dik ta' MFI mħassra ingħatat),

– 'mfi_req_mod_id' (Tispeċifika li bidla ta' mfi_id hija meħtieġa).

(iii) Is-sett tal-karattru nazzjonali jista' jintuża meta jiġu rrapportati l-aġġornamenti lill-BĊE. Innota li meta l-'Unicode' jirċievi l-informazzjoni mill-BĊE, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data, ikun mistenni li jintwerew b'mod korrett is-settijiet tal-karattri speċjali kollha.

(iv) Meta tirrapporta l-aġġornamenti, il-Greċja għandha tuża l-alfabett Ruman.

**Kodiċi Id**

(v) Il-fattur varjabbli 'mfi_id' huwa kompost minn żewġ partijiet, fattur varjabbli 'host' u fattur varjabbli 'id'. Il-valuri għaż-żewġ partijiet magħquda flimkien għandu jiggarantixi li l-mfi_id huwa uniku għal dak l-MFI. L-'mfi_id' hija ċ-ċavetta prinċipali għall-MFI dataset.

(vi) Il-valur għall-fattur varjabbli 'host' għal MFI jista' jkun biss kodiċi ISO ta' pajjiż ta' l-UE b'żewġ karattri.

(vii) Kodiċi id li jkun diġà ntuża qabel ma għandux ikun allokat lil MFI ġdid. (F'ċirkustanzi eċċezzjonali, irreferi għat-taqsima dwar ir-'Riallokazzjoni tal-kodiċi MFI id' hawn fuq.)

(viii) Sabiex tiżgura konsistenza, uża l-istess kodiċi id rilaxxati kull xahar fil-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE.

(ix) Meta tirrapporta bidla fil-kodiċi id, għandha tintuża talba speċifika 'mfi_req_mod_id'.

(x) Meta tirrapporta bidla fil-kodiċi id ta' kodiċi id li jkun diġà tħassar qabel, għandha tintuża talba speċifika 'mfi_req_mod_id_realloc' (irreferi għat-taqsima dwar ir-'Riallokazzjoni tal-kodiċi d MFI id' hawn fuq).

(xi) Jekk il-fattur varjabbli 'mfi_id' ikun inkomplet, mhux eżatt jew nieqes it-talba sħiħa ma tiġix milqugħa.

**Isem**

(xii) L-isem sħiħ, reġistrat ta’ l-istituzzjoni mal-bank ċentrali nazzjonali (NCB).

Inkludi d-deskrizzjoni tal-kumpanija fl-isem, jiġifieri Plc, Ltd, SpA, eċċ. Id-deskrizzjoni tal-kumpanija għandha tkun rapportata b’mod konsistenti għall-ismijiet kollha fejn dan ikun applikabbli.

(xiii) Għandha tiġi segwita l-konvenzjoni dwar it-tipi minuskuli rigward l-użu ta’ l-aċċenti.

(xiv Uża t-tipi minuskuli, fejn applikabbli.

(xv) Jekk il-fattur varjabbli ‘isem' huwa inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

**Indirizz**

(xvi) Mill-inqas waħda mill-fatturi varjabbli ta’ l-indirizz ‘postal_address', ‘postal_box' or ‘postal_code' għandha tiġi mimlija. Ir-raba’ fattur varjabbli, ‘belt', huwa obbligatorju.

(xvii) Għall-‘indirizz_postali', indika l-isem tat-triq u n-numru tat-triq ta’ l-istituzzjoni.

(xviii Għall-‘kaxxa_postali', uża s-sistemi nazzjonali tal-konvenzjoni dwar il-kaxex. Ma għandom jitpoġġew l-ebda referenzi ta’ test tal-kaxxa postali qabel in-numri tal-‘kaxxa_postali', li jistgħu ikunu alfanumeriċi.

(xix) Għall-‘kodiċi_postali', speċifika l-kodiċi postali rilevanti. Uża l-konvenzjonijiet dwar is-sistemi postali nazzjonali. Il-‘kodiċi_postali' jista’ jkun alfanumeriku.

(xx) Jekk is-sett tal-fatturi varjabbli ta’ l-‘indirizz' ikun inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

**Belt**

(xxi) Għall-fattur varjabbli ‘belt', speċifika l-belt tal-lokalità.

(xxii) Jekk il-fattur varjabbli ‘belt' ikun inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

**Kategorija**

(xxiii) Għall-fattur varjabbli ‘kategorija', indika t-tip ta’ MFI skond erba’ valuri definiti minn qabel: ‘bank ċentrali', ‘istituzzjoni ta’ kreditu', ‘fond għall-self ta’ flus għal żmien qasir' jew ‘istituzzjoni oħra'. Uża t-tipi minuskuli, ħlief għall-posizzjonijiet tal-bidu, li jridu jkunu f’ittri kapitali.

(xxiv) Jekk il-fattur varjabbli ‘kategorija' huwa inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

**Rapport**

(xxv) Għall-fattur varjabbli ‘rapport', indika jekk l-MFI hijiex suġġetta għall-ħtiġijiet dwar rapportar sħiħ (veru) jew alternattivament eżenti milli tagħmel rapport sħiħ kull xahar (falz). Tiġi milqugħa waħda biss minn dawn il-valuri definiti minn qabel.

(xxvi) Jekk il-fattur varjabbli ‘rapport' huwa inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

**Ordni**

(xxvii) Għall-fattur varjabbli ‘ordni_r', indika l-ordni mixtieqa tal-lista tal-MFIs, jekk ma tkunx applikabbli l-ordni alfabetika bl-Ingliż.. Agħti valur numeriku għal kull MFI f’ordni min-numru ż-żgħir għall-kbir.

(xxviii) Il-fattur varjabbli ‘ordni_r' m’huwiex obbligatorju. Jekk dan ikun inkomplet jew nieqes (u jkunu twettqu l-kontrolli ta’ validazzjoni kollha), it-talba tiġi implimentata fl-MFI dataset.

**Kontroll tal-fergħa barranija**

(xxix) Jekk l-MFI hija fergħa barranija, irid jiġi mimli l-valur għall-fattur varjabbli 'kap_tal_fergħa'.

(xxx) Għall-fattur varjabbli 'kap_tal-_fergħa', indika t-tip ta' uffiċċju ċentrali skond wieħed mill-fatturi varjabbli definiti minn qabel: 'kap_mhux_ta' l-ue', 'kap_mfi_mhux_ue_' jew 'kap_mfi_ue'.

(xxxi) Jekk il-fattur varjabbli 'kap_tal-_fergħa' jingħata bħala 'kap_mhux_ta' l-ue' (uffiċċju mhux residenti fl-UE) għandhom jingħataw isem il-pajjiż u l-isem ta' l-uffiċċju ċentrali.

(xxxii) Jekk il-fattur varjabbli 'kap_tal-_fergħa' jingħata bħala 'kap_mfi_mhux_ue' (uffiċċju residenti fl-UE, li m'huwiex MFI) għandhom jingħataw isem il-pajjiż, isem u l-id ta' l-uffiċċju ċentrali. L-id tal-mhux_mfi jista' jkun jew 'OFI' istituzzjoni finanzjarja oħra) jew kodoċi ISO tal-pajjiż b'żewġ karattri segwit minn suffiss li jirreferi għall-klassifikazzjoni adatta tas-settur ta' l-ESA 95 ([1]).

(xxxiii) Jekk il-fattur varjabbli 'kap_tal-_fergħa' huwa 'kap_mfi_ue' (MFI), għandhom jingħataw il-pajjiż u l-id ta' l-uffiċċju ċentrali. Jekk jogħġbok irreferi għall-aktar lista riċenti ta' kull xahar tal-MFIs disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE għall-aktar informazzjoni aġġornata dwar l-MFI.

(xxxiv) Jekk il-fattur varjabbli 'kap_tal-_fergħa' huwa 'kap_mfi_ue' (MFI), ma għandux jingħata isem l-uffiċċju ċentrali. Bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kontroll tal-validazzjoni tal-BĊE, fejn l-id ta' l-uffiċċju ċentrali jkun mogħti, hemm aġġornament awtomatiku ta' l-ismijiet ta' l-uffiċċji ċentrali tal-fergħat barrinin kollha residenti fl-UE. Dan isir għall-MFI dataset kollha kull darba li tkun rapportata MFI u jkun bidla fil-fattur varjabbli ta' l-'isem'.

(xxxv) Jekk xi wieħed mill-kontrolli tal-validazzjoni ta' hawn fuq (xii sa xvii) ma jsirx kif suppost, tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

(xxxvi) Jeżistu żewġ każi fejn informazzjoni inkonsistenti dwar l-uffiċċju ċentrali tiġi aċċettata mill-MFI dataset tal-BĊE:

- jekk il-fattur varjabbli 'kap_tal-_fergħa' jingħata bħala 'kap_mfi_ue' imma l-id ta' l-uffiċċju ċentrali ma taqbilx ma' dik tal-MFI dataset tal-BĊE, it-talba xorta tiġi aċċettata. Madankollu, l-isem ta' l-uffiċċju ċentrali ma jkunx jidher fl-MFI dataset tal-BĊE,
- jekk tintbagħat talba għal bidla fil-kodiċi tal-MFI id, hemm il-possibiltà li l-informazzjoni dwar l-uffiċċju ċentrali li tirreferi għall-fergħat barranin residenti fi Stati Membri oħrajn, ta' dik l-MFI, issir inkonsistenti.

Biex tpatti għal din l-ineżattezza, is-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 tibgħat lista ta' informazzjoni inkonsistenti ta' l-uffiċċji ċentrali flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' l-irċevuti mibgħuta lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi).

**Kontrolli dwar għaqdiet**

(xxxvii) Il-fattur varjabbli 'talba_għaqda_mfi' huwa obbligatorju, meta jkunu qed jiġu rapportati għaqdiet domestiċi jew trans-konfini.

(xxxviii) Il-fattur varjabbli 'sotto-amalgamazzjoni' huwa obbligatorju. Kull grupp (jiġifieri tnejn jew iktar istituzzjonijiet) li jaqsmu bejniethom l-istess data ta' effett legali ta' l-amalgamazzjoni għandhom jiġu rrapportati taħt tikketta separata tas-'sotto-amalgamazzjon'.

(xxxix) Meta l-fattur varjabbli 'sotto-amalgamazzjoni' jkun speċifikat, irid jimtela valur għall-fattur varjabbli 'data'. Il-mili tal-fattur varjabbli 'data' huwa obbligatorju.

(xl) Mill-inqas istituzzjoni waħda involuta fl-amalgamazzjoni għandha tkun MFI (jiġifieri, m'huwiex possibbli li jiġu rrapportati amalagamazzjonijiet bejn istituzzjonijiet li m'humiex MFIs biss).

(xli) Jekk ma jkunx hemm tibdil fil-kwalitajiet ta' MFI bħala riżultat ta' attività ta' amalgamazzjoni, din l-MFI trid tkun irrapportata bħala modifika (jiġifieri 'talba_modifika_mfi'). Dan sabiex ikun garantit li l-MFIs kollha involuti f'amalgamazzjoni jkunu rrapportati.

(xlii) Il-fattur varjabbli 'mfi_involuti' huwa obbligatorju biss meta jkunu qed jiġu rrapportati amalgamazzjonijiet trans-konfini (jiġifieri l-'mfi_involuti' ikun fiha l-informazzjoni ta' l-istituzzjoni residenti fi Stat Membru ieħor).

([1]) Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995, li tinsab fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1). Regolament kif l-aħhar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, tat-18.7.2003, p. 1).

(xliii) Jekk istituzzjoni tkun speċifikata bħala 'mfi_involuta', għandu jiġi mimli l-fattur varjabbli 'ref_mfi'.

(xliv) Il-fattur varjabbli 'ref_mfi' huwa kompost minn żewġ partijiet: 'mfi_id' (li tikkonsisti fl-'isem' u l-'id' ta' l-istituzzjoni) u l-'isem'.

(xlv) Informazzjoni dwar amalgamazzjoni trans-konfini ma tiġix implimentata fl-MFI dataset tal-BĊE, sakemm talbiet mimlija ta' amalgamazzjoni mill-Istati Membri kollha involuti ma jkunux ġew irrapportati u validati.

(xlvi) Jekk istituzzjoni tkun speċifikata bħala 'istituzzjoni_mhux_mfi_involuta', għandhom jimtlew l-'id_istituzzjoni_mhux_mfi' u l-'isem'.

(xlvii) L-'id_istituzzjoni_mhux_mfi' ta' 'istituzzjoni_mhux_mfi_involutiai' hija komposta minn żewġ partijiet: 'pajjiż' u 'id', u hija twila ħames karattri. Il-'pajjiż' huwa kodiċi ISO ta' pajjiż b'żewġ karattri. L-'id' huwa twil tliet karattri u jirreferi għall-klassifikazzjoni adatta tal-klassifikazzjoni tas-settur ta' l-ESA95.

(xlviii) Jekk xi waħda mill-kontrolli ta' validazzjoni ta' hawn fuq (xx sa xxx) ma tiġix osservata, tiġi miġħdua t-talba sħiħa.

***Kontroll bir-reqqa tal-MFI-MPEC***

21. Jekk ikun meħtieġ kontroll bir-reqqa tad-data bejn id-datasets tal-MFI u dawk ta' l-MPEC, agħmel sinjal għall-kontroll bir-reqqa fil-fajl li qed jiġi trasmess fis-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N1.

22. Il-kontroll bir-reqqa jsir fuq l-informazzjoni sħiħa tal-MFI u l-MPEC rrapportata mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB) (jiġifieri inkluż l-informazzjoni eżistenti tal-MFI u l-MPEC fid-datasets rispettivi tagħhom) u mhux biss fuq l-informazzjoni li tkun waslet fil-fajli li jkun fih is-sinjal. Ir-riżultati jintbagħtu lura immedjatament f'forma ta' dikjarazzjoni ta' riċevuta. Is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa jrid jintuża bil-mod li ġej:

– fejn id-data tal-MFI u l-MPEC tista' tiġi kkordinata bejn oqsma tan-negozju rispettivi, is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa għandu jiddaħħal biss fit-tieni fajl mibgħut rigward it-talba korrispondenti tal-MFI jew l-MPEC,

– fejn il-kordinazzjoni ma tkunx possibbli, għandu jintbagħat fl-aħħar tal-ġurnata messaġġ addizzjonali li jkun fih biss is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa. Dan il-messaġġ jista' jintbagħat minn wieħed mill-oqsma tan-negozju tal-MFI-MPEC jew mit-tnejn li huma,

– fejn kontroll bir-reqqa m'huwiex meħtieġ immedjatament għall-konsistenza tal-MFI-MPEC, ma għandux jitpoġġa s-sinjal fil-fajl,

– meta l-kontroll ikun meħtieġ li jisr aktar tard fil-ġurnata, id-data għandha tintbagħat mingħajr is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa. Fajl vojt li jkollu s-sinjal għall-kontroll bir-reqqa għndu jintbagħat sussegwentement. F'dan il-każ. billi m'hemmx data biex tkun ikkontrollata fil-fajl vojt, jiġi mwettaq il-kontroll bir-reqqa mill-ewwel.

– Id-dikjarazzjoni ta' riċevuta jkun fiha biss ir-riżultat tal-kontroll bir-reqqa bejn id-datasets tal-MFI u l-MPEC.

23. Kontroll bir-reqqa tal-MFI-MPEC iservi biss bħala twissija. Għalhekk, jekk il-kontroll bir-reqqa jfalli, it-talba xorta tiġi implimentata fid-dataset tal-MFI tal-BĊE.

24. Id-diskrepanzi tal-MFI u l-MPEC jiġu kkontrollati mill-oqsma tan-negozju tal-MFI u l-MPEC rispettivi, ħames ġranet tax-xogħol qabel, u fil-ġurnata tar-rilaxx ta' l-aħħar tax-xahar. Il-banek ċentrali nazzjonali jiġu mfakkra, permezz ta' e-mail, biex jirriżolvu d-diskrepanzi b'mod urġenti. Jekk id-diskrepanzi ma jistgħux jiġu riżolti qabel ir-rilaxx, il-banek ċentral nazzjonali (BĊNi) jiġu mitluba li jagħtu spjegazzjoni. Innota li rekords tal-MFI-MPEC li jkunu inkonsistenti ma jiġux ippubblikati fil-websajt tal-BĊE fl-aħħar ta' kull xahar.

***L-ittrattar ta' l-iżbalji***

25. Malli jasal fajl li fih aġġornamenti ta' MFI, tiġi trasmessa dikjarazzjoni ta' riċevuta lura 'l min ikun bagħtu. Id-dikjarazzjoni ta' riċevuta tkun waħda minn żewġ tipi:

(i) dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' l-akkwist: din ikun fiha ġabra ta' l-informazzjoni ta' l-aġġornamenti tal-MFI li jkunu ġew ipproċessati u implimentati b'suċċess fl-MFI dataset;

(ii) dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' l-iżbalji: din ikun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-aġġornamenti tal-MFI u l-kontrolli ta' validazzjoni li jkunu fallew. Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima dwar 'Kontrolli ta' validazzjoni' hawn fuq għal informazzjoni speċifika dwar jekk falliment ta' kontroll ta' validazzjoni jirriżultax f'ċaħda tat-talba kollha, jew l-implimentazzjoni tat-talba biż-żiesa ta' twissija.

26. Malli tasal dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' żball, għandha tittieħed azzjoni immedjata biex tiġi trasmessa l-informazzjoni korretta. Jekk informazzjoni korretta tiddependi mill-aġġornamenti mibgħuta minn Stati Membri oħrajn matul l-aħħar xahar (jiġifieri, li ma tkunx disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE), jekk jogħġbok ikkuntattja lill-BĊE permezz tal-N13 Cebamail account, u agħti dettalji speċifiċi ta' l-informazzjoni meħtieġa.

***Eżerċizzju annwali ta' kontroll tal-kwalità***

27. L-iskop ta' dan l-eżerċizzju obbligatorju annwali huwa li tkun ikkontrollata b'mod estensiv il-lista eżistenti tal-MFIs għand il-BĊE, b'attenzjoni partikolari fuq il-kontroll ta' fergħat barranin.

28. Iż-żmien magħżul meta għandu jsir l-eżerċizzju huwa mmirat biex ikun garantit li r-rilaxx ta' l-aħħar tas-sena ta' l-informazzjoni aġġornata dwar l-MFI fuq il-websajt tal-BĊE, u sussegwentement bħala materjal stampat, ikun eżatt u aġġornat kemm jista' jkun.

29. Il-banek ċentral nazzjonali (BĊNi) għandhom jimxu mal-linji gwida stipulati hawn taħt sabiex iwettqu l-proċedura ta' aġġornament standardizzata f'waqtha u b'mod preċiż, u biex jiżguraw li l-informazzjoni tiġi ipproċessata b'mod komprensiv u effiċjenti fil-livell kemm tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) kif ukoll dak tal-BĊE.

**Proċeduri ġenerali**

(i) Kull bank ċentrali nazzjonali jirċievi fajl Excel, li jkun fih erba' *worksheets* (Rapporti 1 sa 4) li jinkludu *template* vojta. Dawn jintbagħtu permezz tas-Cebamail mill-BĊE u jkollhom id-data ta' l-egħluq tan-negozju fl-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' Ottubru (time tag T).

(ii) Innota li 'T' tirriferi għal ġranet tax-xogħol.

(iii) Ir-rapporti u l-kontrolli li jridu jsiru qegħdin speċifikati hawn taħt.

*Rapport 1: Il-lista nazzjonali tal-MFIs*

Din hija lista (nazzjonali) speċifika tal-pajjiżi tal-MFIs, kif elenkati fid-dataset tal-BĊE, li l-banek ċentrali nazzjonali għandhom iqabblu mal-lista nazzjonali tagħhom tal-MFIs.

– Kull istituzzjoni korretta f'dan ir-rapport għandha tiġi mmarkata fil-kolonna bit-titolu 'Kummenti'.

– Jekk ikun hemm xi differenzi bejn iż-żewġ listi, allura dawn għanmdhom ikunu speċifikati kif jixraq fil-kolonna bit-titolu 'Kummenti'. Jekk jogħġbok indika eżattament x'inhi d-differenza, jiġifieri, jeħtieġ modifika (liema kwalità qed tiġi modifikata u x'għandu jkun il-valur), jew ir-rekord irid jitħassar (għid għaliex), eċċ. Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk huwiex ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u niżżel in-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titolu 'IREF'.

– Jekk xi rekord ikun nieqes, allura d-dettalji kollha tar-rekord għandhom jiżdiedu mar-Rapport 1 (jiġifieri, bħala rekord addizzjonali). Jekk jogħġbok speċifika fil-kolonna 'Kummenti' li dan huwa 'rekord ġdid' (għid għaliex). Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk huwiex ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u niħhel in-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titolu 'IREF'.

*Rapport 2: Lista ta' fergħat barranin residenti fil-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali(NCB)*

Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jiggarantixxu li l-informazzjoni dwar fergħat barranin ta' MFIs residenti f'pajjiżhom stess hija kompleta, eżatta u aġġornata.

– Kull istituzzjoni korretta f'dan ir-rapport għandha tkun immarkata fil-kolonn bit-titolu 'Kummenti'.

– Jekk ikun hemm xi modifiki, allura dawn iridu jkunu speċifikati kif jixraq fil-kolonna bit-titolu 'Kummenti'. Jekk jogħġbok indika b'mod preċiż x'inhi d-differenza, jiġifieri, tehtieġ modifika (liema kwalità qed tiġi modifikata u x'għandu jkun il-valur) jew ir-rekord għandu jitħassar (għid għaliex),eċċ. Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk huwiex ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u ddikjara n-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titilu 'IREF'.

– Jekk fergħa barranija tkun nieqsa, allura d-dettalji sħaħ tar-rekord għandhom jiżdiedu mar-Rapport 2 (jiġifieri, bħala rekord addizzjonali). Jekk jogħġbok fil-kolonna 'Kummenti' li dan huwa 'rekord ġdid' (speċifika għaliex). Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk intix ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u ddikjara n-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titolu 'IREF'.

*Rapport 3: Lista ta' fergħat barranin, li l-uffiċċju ċentrali tagħhom ġie rrapportat minn banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) oħrajn bħala residenti fi ħdan il-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali (NCB)*

Dan iservi għall-kontroll bir-reqqa tas-settur tal-MFI safejn tikkonċerna l-kopertura tal-fergħat barranin tal-MFIs. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jivverifikaw biex jiżguraw li l-fergħat barranin kollha residenti f'pajjiżi oħrajn ta' l-UE li għandhom uffiċċju ċentrali fil-pajjiż tal-bank ċentrali nazzjonali ġew irrapportati minn banek ċentrali nazzjonali oħrajn.

– Kull istituzzjoni korretta f'dan ir-rapport għandha tiġi mmarkata fil-kolonna bit-titolu 'Kummenti'.

– Jekk ikun hemm xi modifiki, allura dawn għandhom ikunu speċifikat b'mod xieraq fil-kolonna bit-titolu 'Kummenti'. Jekk jogħġbok indika preċiż x'inhi d-differenza, jiġifieri meħtieġa modifika (liema kwalità ser tiġi modifikata u x'għandu jkun il-valur), jew ir-rekord irid jitħassar (għid għaliex, eċċ.

– Jekk fergħa barranija tkun nieqsa, allura d-dettalji kollha tar-rekord għandhom jiżdiedu mar-Rapport 3 (jiġifieri, bħala rapport addizjonali). Jekk jogħġbok speċifika fil-kolonna 'Kummenti' li dan huwa ' Rekord ġdid' (għid għaliex).

*Rapport 4: Template għall-cover pages*

Din hija *template*vojta, li fiha kull bank ċentrali nazzjonali (NCB) irid jispeċifika kemm jeħtieġ cover pages għall-pubblikazzjoni bil-qoxra iebsa tal-lista tal-MFIs, li jkun imisshom jinħarġu fl-ewwel tliet xhur tas-sena ta' wara.

**Żmien stipulat għar-rapportar**

(iv) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom disa' ġranet tax-xogħol (T + 9) li fihom iridu jivverifikaw ir-rapporti u jikkonfermaw l-eżattezza tad-data. Rapporti li jkunu lesti jiġu trasmessi lura lill-BĊE permezz tal-N13 Cebamail account bl-indikazzjonijiet jekk id-data hijiex korretta jew le (kif speċifikat hawn fuq)

(v) Bl-istess mod, jekk id-data mhix korretta, il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet u jittrasmettu l-aġġornamenti permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 matul dawn id-disa' ġranet tax-xogħol (T + 9). In-numru ta' l-IREF tad-data korretta fir-rapporti mibgħuta lura lill-BĊE, għandu jiġi kkwotat fil-każijiet kollha. Nota: Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jibqgħu jibgħatu aġġornamenti ad hoc, li m'humiex konnessi ma' l-eżerċizzju annwali tal-kontroll tal-kwalità, bħas-soltu, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13.

(vi) Jew id-dikjarazzjonijiet ta' riċevuta ta' akkwist jew ta' żbalji jiġu trasmessi b'mod awtomatiku lil-banek ċentrali nazzjonali mal-wasla tad-data korretta, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13 (matul it-T + 9). Jekk tasal dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' żball, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom iwettqu l-korrezzjonijiet immedjatament.

(vii) Il-BĊE iqatta żewġ ġranet tax-xogħol (T + 11) jivverifika r-rapporti kollha li jaslu u l-korrezzjonijiet. Kif intqal hawn fuq, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jindikaw in-numru ta' l-IREF fir-rapporti li jibgħatu, jekk ikunu ser jinghatu korrezzjonijiet.

(viii) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiġu kkuntattjati permezz tas-Cebamail jekk ikun hemm xi materji pendenti (T + 12).

(ix) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom żewġ ġranet tax-xogħol biex iwettqu aktar korrezzjonijiet jew spjegazzjonijiet f'każ ta' data kontradittorja (T + 14).

(x) Il-BĊE jibgħat rapport finali ta' l-istatus quo li jikkonċerna s-settur tal-MFI lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Cebamail (T + 15). Tingħata wkoll ġabra tar-riżultati ta' l-eżerċizzju annwali tal-kontroll tal-kwalità.

(xi) Id-data kontradittorja li jkun baqa' tiġi kkunsidrata bħala 'pendenti' u tkun diskussa waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistiċi fuq il-Flus u l-Banek.

**Tabella sommarja**

(xii) Tabella sommarja

| Tikketta taz-zmien | Ħidmiet | Mezz | Azzjoni minn |
|---|---|---|---|
| T | Il-BĊE tibgħat fajl Excel bl-erba' rapporti li ġejjin lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi):<br><br>Rapport 1: Lista nazzjonali ta' MFIs<br><br>Rapport 2: Lista ta' fergħat barranin residenti fil-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali (NCB)<br><br>Rapport 3: Lista ta' fergħat barranin, li l-uffiċċju ċentrali tagħhom ġie rrapportat minn banek ċentrali nazzjonali oħrajn bħala residenti fil-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali<br><br>Rapport 4: *Template* għall-cover pages | Cebamail | BCE |
| T + 9 | Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) iqabblu t-tliet rapporti tal-BĊE (1 sa 3) mal-listi nazzjonali tagħhom iddatati bħala cob, l-aħħar ġurnata tax-xogħol f'Ottubru. Għal kull rapport, għandu jimtela dan li ġej:<br><br>– Il-parti 'Kummenti' (għar-rekords kollha),<br><br>– il-parti 'REF' (Rapporti 1 u 2 biss: għar-rekords mhux tajbin jew rekords ġodds, fejn ikun intbagħat aġġornament lill-BĊE) | Cebamail/ N13 Data Exchange System | BĊNi |
| | Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jimlew ir-Rapport 4, dwar in-numru ta' cover pages meħtieġa għall-pubblikazzjoni tal-materjal stampat | | |
| | Il-banek ċentrali nazzjonali jittrasmettu lura lill-BĊE l-informazzjoni li ġejja, mhux aktar cob fil-ġuranta T + 9:<br><br>– Il-fajl Excel bir-Rapporti 1-4 mimlija (permezz tas-Cebamail),<br><br>– kull korrezzjoni/rekords ġodda (permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 | | |
| T + 11 | Il-BĊE jivverifika r-rapporti kollha, korrezzjonijiet u dikjarazzjonijiet ta' riċevuti li jidħlu permezz tas-Cebamail u s-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 | | BCE |
| T + 12 | Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiġu kkuntattjati permezz tas-Cebamail jekk ikun hemm xi data kontradittorja | Cebamail | EBC |

| Tikketta taz-zmien | Ħidmiet | Mezz | Azzjoni minn |
|---|---|---|---|
| T + 14 | Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom żewġ ġranet tax-xogħol biex iwettqu l-korrezzjonijiet jew spjegazzjonijiet f'każ ta’ data kontradittorja | Cebamail/ N13 Data Exchange System | BĊNi |
| T + 15 | Il-BĊE tinbħat rapport finali ta’ l-istatus quo li jikkonċerna s-settur tal-MFI lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Cebamail. Jintbagħat ukoll sommarju tar-riżultati ta’ l-eżerċizzju annwali tal-kontroll tal-kwalità. | Cebamail | BCE |
| | Tqassim ta’ l-abbozz tal-lista tal-MFIs (bħala fajl.pdf) lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għall-kummenti | Cebamail | BCE/BĊNi |
| | Jintbagħat abbozz tal-lista tal-pubblikazzjoni stampata tal-MFIs lill-Kunsill Regolatorju | | BCE |
| | – Tinħareġ<br>– Dikjarazzjoni għall-istampa li fiha titqassam il-lista tal-MFIs bħala pubblikazzjoni stampata, u n-numru rilevanti tal-cover pages,<br>– lit-tqassim tal-banek ċentrali nazzjonali tal-fajl.pdf<br>– tal-pubblikazzjoni tal-Ħarġa tal-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE | Post/ Ceba-mail/ Internet | BCE |

***Proċeduri ta’ kontinġenza***

(xiii) Proċeduri ta’ kontinġenza jidħlu fis-seħħ fil-każi li ġejjin:

*għar-rapporti dwar is-settur tal-MFI*

- jekk is-sistema tas-Cebamail ma tkunx disponibbli biex jintbagħtu r-rapporti tas-settur tal-MFI, il-BĊE tibgħat dawn (fil-format Excel) bl-e-mail. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) iridu wkoll jużaw l-e-mail ([1]) biex jibgħatu r-rapporti mimlija lura lill-BĊE,

*għall-aġġornamenti u korrezzjonijiet tal-MFI*

- jekk is-Sistema ta’ l-Iskambu tad-Data N13 ma tkunx disponibbli biex tittrasmetti l-korrezzjonijiet, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi,) fejn applikabbli, għandhom jibgħatu l-informazzjoni filwaqt li jużaw l-XML data format, permezz tas-sistema tas-Cebamail,
- jekk is-sistema tas-Cebamail ma tkunx tista’ tithaddem għat-trasferiment bil-fajl ta’ l-aġġornamenti u korrezzjonijiet tal-MFI, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jużaw l-e-mail ([1]) biex jingħatu l-aġġornamenti fl-XML data format,

(xiv) jekk xi bank ċentrali nazzjonali jkun magħluq f'xi ġurnata li fiha jridu jitwettqu l-proċeduri msemmija hawn fuq, dak il-bank ċentrali nazzjonali (NCB) għandu jiżgura li l-proċeduri jinbdew u jispiċċaw skond il-perjodu stipulat qabel il-ġurnata jew ġranet ta’ l-egħluq tagħha.

***Tixrid***

**Tixrid ta’ kuljum lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Sistema ta’ l-Iskambju tad-Data N13**

30. Aġġornamenti tal-MFI jiġu mxerrda f'kull ġurnata tax-xogħol. Tittieħed nota f'kull ġurnata tax-xogħol tas-sitwazzjoni li tirrigwarda l-bidliet kollha implimentati fil-lista kurrenti tal-MFIs fil-17.00 ħin tal-BĊE u tiġi mxerrda lill-banek ċentrali nazzjonali kollha. Dan it-tixrid ikun jikkonsisti fid-dettalji sħaħ ta’ kull waħda mill-bidliet li ġejin irrapportati mil-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi):

- MFIs ġodda,
- MFIs aġġornati,
- MFIs imħassra,
- riallokazzjoni ta’ kodiċi tal-MFI id,
- bdil ta’ kodiċi tal-MFI id,
- bdil ta’ kodiċi tal-MFI id li jinvolvi riallokazzjoni.

([1]) The address is: mfi.hotline@ecb.int.

**Aġġornament ta' kull xahar tal-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE**

31. Fl-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' kull xahar kalendarju, tiġi nnotata s-sitwazzjoni tal-MFI dataset fil-17.00 ħin tal-BĊE. Innota li rekords tal-MFI-MPEC li jkunu inkonsistenti ma jkunux parti minn dan in-notament.

32. Il-lista tal-MFIs ssir disponibbli għall-pubbliku ġurnata wara li jkun ittieħed in-notament msemmi hawn fuq. Jekk din in-notament jittieħed fil-17.00 ħin tal-BĊE il-Ġimgħa, l-informazzjoni aġġornata tkun disponibbli f'12.00 ħin tal-BĊE is-Sibt.

**Tixrid ta' kull xahar lill-banek ċentrali nazzjonali permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13**

33. Fl-istess ħin li tkun maħruġa l-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE, tintbagħat lill-banek ċentrali nazzjonali permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13.

**Pubblikazzjoni annwali stampata**

34. Darba fis-sena, il-BĊE jippubblika versjoni tal-lista tal-MFIs f'forma stampata, b'data ta' referenza li tkun l-aħħar ta' Diċembru tas-sena ta' qabel. Din il-pubblikazzjoni titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku in ġenerali, qabel l-aħħar ta' l-ewwel tliet xhur tas-sena ta' wara. Il-BĊE iqassam oriġinal stampat, flimkien man-numru rilevanti ta' cover pages meħtieġa, lill-banek ċentrali nazzjonali permezz tas-sistema tal-portal. B'mod parallel, tintbagħat versjoni.pdf tal-pubblikazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Cebamail. Il-versjoni.pdf tiġi ppubblikata wkoll fuq il-websajt tal-BĊE.

***Referenza***

35. 'Exchange Specification for the N13 Phase II Data Exchange System'. Dan id-dokument jittratta bil-bdil tal-fajls bejn il-banek ċentrali nazzjonali(BĊNi) u l-BĊE. Ikopri l-*exchange protocol*, l-*exchange infrastructure* u l-formats tal-fajls skambjati li jagħmlu l-interface bejn is-sistemi tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali(BĊNi'). Id-dokument jikkonsisti f'żewġ partijiet importanti, il-parti 'Funzjonali' u l-parti 'Teknika'. Kull waħda minnhom hija deskritta hawn taħt:

**Parti funzjonali**

– dettalji funzjonali (*logical exchange protocol*, jiġifieri s-sekwenza tad-dikjarazzjonijiet ta' riċevuti mistennija meta tintbagħat informazzjoni, eċċ.),

– logical data model,

– struttura ta' l-informazzjoni li trid tkun skambjata,

– kontenut (mhux ifformattjar) tad-dikjarazzjonijiet ta' riċevuti,

– regoli dwar il-validazzjoni tan-negozju, jiġifieri l-validazzjoni ta' informazzjoni loġika (bħala eżempju d-data ta' l-iskadenza trid tkun data futura), imma mhux validazzjoni ta' sintassi, u r-riflessjononi ta' dawn ir-regoli fid-dikjarazzjonijiet ta' riċevuti ta' l-iżbalji.

**Parti teknika**

– sistema ta' skambju fiżiku li jridu jintużaw (servizzi ta' FTPC/X400 fuq l-ESCB-net); użu preċiż ta' dawn is-sistemi,

– veduta teknika ta' l-*exchange protocol*,

– *exchange format definition* (jiġifieri l-XML Schema).

***Appendiċi***

36. Lista ta' kodiċi ISO ta' pajjiżi b'żewġ karattri."